MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
6



SNOOKER
36



GOZO SPORTS
38



Nru. 131 **Frar 2018**

# SPORTIV

**It-Tazza tad-Dinja**
Esebita f'Malta **16**

**Weightlifting**
Organizzata l-ewwel attività għall-klassifikazzjoni ta' Malta **34**

**MEUSAC**
Proġetti tal-UE għall-Inklużjoni Sportiva **42**

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport



## ISIRU L-ISPORT MALTA AWARDS 2017

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Frar 2018



Jesmond Moore
*Editur*

L-aħħar ġimgħa ta' Jannar u dan ix-xahar kienu karatterizzati minn żewġ avvenimenti partikolari - il-poloz tal-UEFA Nations League u l-Isport Malta Awards 2017.

Il-UEFA Nations League hija kompetizzjoni ġdida mmirata biex tieħu post il-partiti internazzjonali ta' ħbiberija u r-rebbieħa ta' kull diviżjoni jiksbu post awtomatiku fil-Kampjonat Ewropew li jsir kull erba' snin.

Malta tinsab fi Grupp 3 ta' League D, bl-avversarji se jkunu kemmxejn diffiċli - Azerbaijan, Faroe Islands u Kosovo.

F'nofs dan ix-xahar saru wkoll l-Isport Malta Awards 2017 fejn Duncan Micallef u Yazmin Zammit Stevens rebħu l-aqwa unur - dak tal-Isportiv u l-Isportiva tas-Sena rispettivament.

Il-Kampjonat BOV Premier qed isir wieħed mill-aktar interessanti u jidher li se jkun inċert sal-aħħar meta hemm biss ħames punti differenza bejn l-ewwel erba' timijiet.

Dan kollu u sport ieħor tistgħu ssibuh fl-aqwa magazine sportiv .....




**irbaħ €25 voucher ma'**

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur tal-Isportiva tas-Sena fl-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2017?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2018:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 130 hija:*
**Floriana**

*Ir-rebbieħ huwa: S. Caruana - Mosta*



Click
**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
# 131

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Alan Saliba
Walter Sargent

**Cover**
L-Isportiva tas-Sena 2017, Yazmin Zammit Stevens, flimkien mas-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima, u l-president tal-GħĠS, Sandro Micallef, wara l-preżentazzjoni - (ritratt: Joe Borg)

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.





# Werrej

**6 MFA**
Il-poloz tal-UEFA Nations League

**16 Premier**
Rimonta minn Birkirkara biex daħlu biċ-ċans?

**22 I, II, III Division**
Liema team se jispiċċa fir-raba' post tal-I Diviżjoni?

**26 Intervista Kevin Azzopardi**
"Hija sfida li dħalt għaliha b'impenn sħiħ"

**30 Olimpjadi tax-Xitwa**
Elise Pellegrin fil-50 post fis-Slalom

**31 Tennis**
Francesca Curmi ssir l-ewwel Maltija li tirbaħ tournament internazzjonali

**34 Weightlifting**
Organizzata l-ewwel attivitá għall klassifikazzjoni ta' Malta

**36 Snooker**
Mark Allen bl-ewwel titlu tat-triple crown

**38 Gozo Sport Arnis**
Kamp suċċess mill-Kompo Arnis

**40 Gozo Sport Motocross**
Yamaha Gozo Motocross Championship

**42 MEUSAC**
Proġetti tal-UE għall-Inklużjoni Sportiva

**44 Storja tal-Football Malti**
Valletta jegħlbu lil Floriana

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt



Jittellgħu l-poloz tal-ewwel edizzjoni tal-UEFA Nations League ...

# Malta ser tilgħab kontra l-Azerbaijan, il-Gżejjer Faroe u l-Kosovo

**Il-fażi tal-gruppi tintlagħab bejn Settembru u Novembru 2018**



It-team nazzjonali Malti ser jilgħab kontra l-Azerbaijan, il-Gżejjer Faroe u l-Kosovo fi Grupp 3 ta' League D tal-UEFA Nations League.

It-tlugħ tal-poloz ta' din il-kompetizzjoni ġdida tal-UEFA saru fis-SwissTech Convention Centre, f'Lausanne, fl-24 ta' Jannar, li għadda.

Il-logħbiet fil-fażi tal-gruppi ser jintlagħbu fuq bażi ta' *home* u *away*. F'Settembru, Ottubru u Novembru ser ikun hemm tliet *matchdays* b'żewġ logħbiet kull waħda.

Il-UEFA Nations League se tara l-parteċipazzjoni ta' 55 assoċjazzjoni membri tal-UEFA, bit-timijiet jinqasmu f'erba' diviżjonijiet skond il-qawwa tagħhom.

Il-poloz ta' League D, li tmexxew mill-ex-midfielder tal-Belarus u Arsenal Alexander Hleb, inkludew 16-il team li kienu maqsuma f'erba' gruppi ta' erba' timijiet kull wieħed.

Wieħed mill-vantaġġi tal-UEFA Nations League huwa li ser ikun qed joffri lit-timijiet ċans ieħor biex jikkwalifikaw għall-fażi finali tal-UEFA EURO 2020, b'erba' timijiet mill-erba' leagues jikkwalifikaw permezz tal-logħob tal-play offs, li huma skedati għal Marzu 2020.

Il-play-offs, li se jsiru wara li tintemm il-kampanja ta' kwalifikazzjoni għall-Euro 2020, se jkunu kontestati mir-rebbieħa tal-gruppi f'kull league.

Dan ifisser li r-rebbieħa tal-erba' gruppi f'League D (il-kategorija li fih tinsab Malta) jilagħbu kontra xulxin f'żewġ semi-finali biex eventwalment ir-rebbieħa tal-finali jkunu premjati b'post fil-finali tal-Kampjonat Ewropew 2020.

Il-coach tat-team nazzjonali Malti, Tom Saintfiet, qed iħares b'entużjażmu kbir għal din il-kompetizzjoni.

"Jien nemmen li huwa tajjeb li nilagħbu kontra avversarji simili tagħna," qal il-coach Belġjan.

"Ser ikollna bżonn nistudjaw ftit aktar lill-Kosovo, li huma avversarji diffiċli minkejja r-ranking tagħhom.

"Irridu nilagħbu football aktar pożittiv, ser nippruvaw nattakkaw aktar u nisperaw li dan isarraf b'goals u rebħ ta' punti.

"Dak huwa l-għan tagħna imma ma nistgħux nissottovalutaw lill-avversarji fi grupp pjuttost diffiċli.

"Qed inħares b'entużjażmu lejn dawn il-logħbiet u nispera li anke l-partitarji tagħna jieħdu gost b'dawn il-logħbiet."

Il-poloz ta' League D irriżultaw hekk:

**Grupp 1**
Georgia, Latvja, Każakhstan, Andorra

**Grupp 2**
Belarus, Lussemburgu, Moldova, San Marino

**Grupp 3**
Ażerbaijan, il-Gżejjer Faroe, Malta, Kosovo

**Grupp 4**
Maċedonja, Armenja, Liechtenstein, Ġibiltà




# Malta tibda b'logħba *away* kontra l-Gżejjer Faroe

Malta ser tibda l-impenji tagħha fil-UEFA Nations League b'logħba barra minn darna kontra l-Gżejjer Faroe nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru, 2018.

Il-lista ta' fixtures tal-fażi tal-gruppi tal-ewwel Nations League kienet ġiet pubblikata mill-UEFA ftit sigħat wara li ttellgħu l-poloz ta' din il-kompetizzjoni ġdida li se tibda ssir kull sentejn.

L-ewwel logħba f'darna f'din il-kompetizzjoni ser tkun kontra l-Azerbaijan nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru.

Imbagħad, it-team nazzjonali ser ikollu zewg logħbiet barra minn xtutna minn Grupp D3, kontra l-Kosovo nhar il-Ħamis, 11 ta' Ottubru, u kontra l-Azerbaijan tlett ijiem wara.

Malta ttemm l-impenji fil-grupp b'żewġ logħbiet f'darna f'Novembru.

Is-Sibt, 17 ta' Novembru 2018, Malta tilgħab kontra l-Kosovo qabel ma tiltaqa' mal-Gżejjer Faroe fl-aħħar logħba tal-grupp, nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru.

Ir-rebbieħa ta' Grupp D3, flimkien mat-timijiet li jispiċċaw fl-ewwel post fit-tliet gruppi ta' League D, ser jikkwalifikaw għall-play-offs tas-semi-finali, li huma skedati li jintlagħbu f'Marzu 2020.

Il-programm kollu huwa:

**07/09/2018**
6.00 pm: Azerbaijan vs Kosovo
8.45 pm: Gżejjer Faroe vs Malta

**10/09/2018**
8.45 pm: Malta vs Azerbaijan
8.45 pm: Kosovo vs Gżejjer Faroe

**11/10/2018**
8.45 pm: Kosovo vs Malta
8.45 pm: Gżejjer Faroe vs Azerbaijan

**14/10/2018**
6.00 pm: Azerbaijan vs Malta
6.00 pm: Gżejjer Faroe vs Kosovo

**17/11/2018**
6.00 pm: Malta vs Kosovo
6.00 pm: Azerbaijan vs Gżejjer Faroe

**20/11/2018**
8.45 pm: Malta vs Gżejjer Faroe
8.45 pm: Kosovo vs Azerbaijan




# Malta ser tilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu u l-Finlandja f'Marzu

## Vic Hermans maħtur *coach* nazzjonali tal-futsal

Malta se tilgħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija, fix-xahar li ġej, bħala parti mill-preparazzjonijiet għall-kompetizzjoni l-ġdida, il-UEFA Nations League.

L-ewwel impenn uffiċjali tat-team nazzjonali fl-2018 se lkun logħba ta' ħbiberija f'darna kontra l-Lussemburgu, fl-Istadium Nazzjonali fit-22 ta' Marzu.

Erbat ijiem wara, jiġifieri fis-26 ta' Marzu, Malta, taħt il-gwida tal-*coach* Tom Saintfiet, se tilgħab kontra l-Finlandja f'logħba oħra ta' ħbiberija, fil-belt Torka ta' Belek.

Dettalji dwar il-logħob ta' ħbiberija ingħataw waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, li saret fil-lukanda Le Meridien.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, qal li għaddejjin diskussjonijiet biex ikun organizzat kamp ta' taħriġ għall-iskwadra nazzjonali fil-perjodu bjen Mejju u Ġunju.

"L-MFA qed tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li t-team nazzjonali jkollu l-aħjar taħriġ possibbli bi preparazzjoni għall-UEFA Nations League," qal is Sur Darmanin Demajo.

Huwa ħeġġeġ lill-*clubs* biex jagħtu s-sostenn lejn l-isforzi tal-MFA u tal-istaff tekniku tat-team nazzjonali biex ikomplu jagħtu spinta lill-preparazzjonijiet tat-team nazzjonali għall-UEFA Nations League li ser jibda f'Settembru.

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill, ġie mħabbar ukoll li Vic Hermans inħatar *coach* tat-team nazzjonali tal-futsal.

Hermans, mill-Olanda, kien diġà għamel żmien jokkupa din il-kariga fil-passat.

Huwa *instructor* tal-FIFA futsal u ser ikun qiegħed isegwi l progress tat team nazzjonali u jassisti lis-settur tal-edukazzjoni tal-*coaches*.

### L-APPELLI TA' PEMBROKE ATHLETA U ANYANWU MHUX MILQUGĦA

Il-Bord tal-appelli tal-MFA kkonferma d-deċiżjoni li tikkundanna lill-*ex team manager* ta' Pembroke Athleta

Uchenna Anyanwu wara li nstab ħati li kiser ir-regolamenti tal-MFA dwar korruzzjoni fil-football..

Il-Bord tal-MFA li jiġġudika akkużi dwar korruzzjoni u imħatri illeċiti fil-futbol kien ukoll ordna li Pembroke Athleta jitnaqqsulhom 10 punti, mmultati €5,000 u sospenzjoni ta' ħames snin mill-kompetizzjonijiet internazzjonali wara li nstabu ħatja li kisru r-regolamenti tal-Assoċjazzjoni dwar korruzzjoni u mħatri fil-logħob tal-*football*.

Anyanwu kien sospiż għal għomru minn kull attività relatata ma' *football* wara li l-istess *board* sabu ħati li kiser ir-regolamenti tal-assoċjazzjoni dwar korruzzjoni.

Kemm Pembroke kif ukoll Anyanwu appellaw kontra dawn is-sanzjonijiet, peró l-appell tagħhom ma kienx milqugħ.

**MEMBRI ĠODDA TAL-KUNSILL**

Il-Kunsill tal-MFA approva żewġ membri ġodda.

Joe Zammit ħa post Dr Adrian Delia bħala membru tal-Kunsill f'isem Birkirkara FC filwaqt li Melchiore Dimech huwa r-rappreżentant ta' Mosta FC wara r-riżenja ta' Antoine Portelli.

**INTEGRITÀ FIL-*FOOTBALL***

Is-sessjonijiet dwar l-integrità fil-*football*, immexxija minn Franz Tabone, l-Integrity Officer fi ħdan il-Malta Football Association, ser jerġgħu jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Għal dawn is-sessjonijiet edukattivi li l-għan prinċipali tagħhom hu li jiżdied l-għarfien dwar it-theddida tal-match-fixing, il-*clubs* huma mħeġġa jibagħtu lill-uffiċjali kollha, il-membri tal-ewwel team, l-iskwadra ta' taħt id-19-il sena u dawk ta' taħt is-17-il sena. ▮



# Nurseries u assoċjazzjonijiet membri fi ħdan l-MFA jibbenefikaw mill-UEFA *solidarity funds*

▮ Numru kbir ta' *nurseries* tal-*football* ta' kull sena jibbenefikaw minn *Solidarity Funds* tal-UEFA biex jgħinuhom ikomplu jkattru l-imħabba lejn il-football fit-tfal tagħhom.

Fil-fatt, l-ammont ta' *solidarity funds* allokat lill-Malta Football Association għal dan l-istaġun kien ilaħħaq kważi nofs miljun ewro, liema għajnuna finanzjarja tqassmet lin-nurseries tal-clubs lokali kif ukoll assoċjazzjonijiet membri fi ħdan l-MFA.

Il-fondi kienu preżentati lin-*nurseries* mis-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti, fil-preżenza tac-*Chairman* tal-Youth FA, Fr Hilary Tagliaferro lejn l-aħħar ta' Jannar.

Dr Chetcuti spjega kif dawn il-fondi, li huma allokati lill-assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA li l-clubs tagħhom ma jkunux għaddew għall-fażi tal-gruppi tal-kompetizzjonijiet Ewropej, għandhom ikunu użati speċifikament għall-*football* fost iż-żgħażagħ.

Waqt li kien qed jindirizza lil dawk preżenti fis-Centenary Hall, Fr Hilary tkellem dwar l-irwol li għandhom l-amministraturi u l-*coaches* fost iż-żgħażagħ li jattendu n-nursery.

Huwa saħaq li filwaqt li jkunu qed jitħarrġu fil-logħba li tant iħobbu, iż-żgħażagħ ikunu wkoll qed jieħdu valuri sodi għaliex l-isports għandu jkun mezz ta' għaqda u li jkattar responsabbiltà soċjali f'kull min jipprattikah jew huwa nvolut fih.

Fr Hilary sostna li "huwa importanti li fuq kollox niżviluppaw ċittadini tajbin u mhux biss footballers" filwaqt li għamel appell imqanqal biex jiżdied l-għarfien dwar l-importanza tal-integrità fil-logħba tal-football, anke fost players żgħażagħ.

Waqt il-laqgħa tħabbar ukoll li l-YFA ser tkun qed tagħmel stħarriġ fost in-nurseries biex tkun studjata is-sitwazzjoni preżenti tal Youth Football u kif wieħed jista' jtejjeb dak li diġà hemm.

Il-Youth FA temmen li l-parteċipazzjoni tan-nurseries tgħin biex toħroġ stampa ċara tal-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Dr Chetcuti ħeġġeġ lin-nurseries biex jieħdu sehem fl-istħarriġ għaliex huma dawk li qed jesperjenzaw il-polz vera tan-nurseries u għalhekk hija importanti li l-informazzjoni li ser tingħabar tkun fattwali. ▮



Fis-serata tal-MFA Awards, fil-11 ta' Mejju, 2018

# Unur ġdid se jippremja lill-aqwa partitarji








Hekk kif l-istaġun 2017/18 riesaq lejn l-aktar fażi kruċjali, il-partitarji għandhom inċentiv ieħor biex jitilgħu bi ħġarhom u jagħtu l-appoġġ lit-team tagħhom.

Il-Malta Football Association qed tniedi l-Best Fans Award, unur li se jkun qed jippremja lil dawk il-partitarji li b'mod kostanti juru l-lealtà u l-appoġġ lill-club tagħhom matul il-Kampjonat BOV Premier u l-BOOST Diesel FA Trophy.

Kif ser jintgħażlu r-rebbieħa tal-Best Fans Award?

Fi tmiem l-istaġun, panel ta' ġurnalisti li ta' kull ġimgħa jsegwu l-logħbiet tal-Kampjonat BOV Premier janalizzaw il-kontribut tal-partitarji tal-14-il team fl-ogħla diviżjoni.

Huma se jkunu qed iħejju lista tal-aqwa partitarji b'sistema ta' punti skond dawn it-tliet kriterji: 1. Attendenza matul l-istaġun; 2. Korjografija; 3. Imġieba xierqa.

L-ewwel rebbieħa ta' dan l-unur jitħabbru waqt is-serata finali tal-2018 MFA Awards, f'Mejju li ġej, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

Il-viċi-president tal-Malta Football Association, Matthew Paris, li huwa responsabbli mill-organizzazzjoni tal-MFA Awards, qal li l-partitarji huma l-qalb u r-ruħ tal-logħba tal football.

"Qegħdin inniedu dan l-unur sabiex nirrikonoxxu l-kontribut tal-partitarji kif ukoll biex ninkoraġġuhom jgħollu l-livell ta' appoġġ għat-team tagħhom," qal Dr Paris.

"Nittamaw li din l-inizjattiva tħeġġeġ aktar partitarji jitilgħu bi ħġarhom biex jagħtu s-sostenn u joħolqu atmosfera sabiħa biex filwaqt li jkunu qed jgħinu lill-benjamini tagħhom, ikunu wkoll minn ta' quddiem fit-taqtiegħa għal dan l-unur ġdid tal-aqwa partitarji."

Filwaqt li l-partitarji se jingħataw punti għall-attendenza, koreografija u mġieba xierqa matul l-istaġun, skond ir-regolamenti proposti għal Best Fans Award, offiżi kommessi minn partitarji li jkunu suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja jirriżultaw fi tnaqqis ta' punti.






## Football tan-Nisa - Żewġ partiti ta' ħbiberija

# Telfa u rebħa għat-team Malti







**Malta** .............................................. **0**
**Estonja** .......................................... **1**

Fl-ewwel logħba ta' ħbiberija li ntlagħbet fis-Centenary, it-team nazzjonali Malti tan-nisa sofra telfa minima ta' 1-0 kontra l-Estonja.

Madankollu, ftit li xejn kien hemm differenza bejn iż-żewġ timijiet hekk kif il-Maltin kellhom ukoll wirja tajba.

Il-Maltin immexxija mill-coach nazzjonali, Mark Gatt, kellhom diversi players neqsin minħabba li kienu qed jirkupraw minn injury fosthom Dorianne Theuma, Jodie Attard, Maria Xuereb u Ylenia Carabott, filwaqt li Rachel Cuschieri kienet impenjata mat-team Belġjan, Anderlecht.

L-uniku goal tal-partita wasal fil-81 minuta permezz ta' free-kick mill-isbaħ ta' KATRIN LOO, bil-ballun jintemm firrokna tax-xibka bil-goalkeeper Maltija, Janice Xuereb, tagħmel mill-aħjar li setgħet biex issalva.

**Malta**: 1-Janice Xuereb, 2-Gabriella Zahra, 3-Ann-Marie Said (17-Brenda Borg 33), 5-Stephania Farrugia, 9-Roxanne Micallef (21-Claudette Xuereb 46), 10-Maria Farrugia, 14-Shona Zammit, 15-Jade Flask, 16-Charlene Zammit (22-Rebecca Bajada 58), 18-Emma Xuereb (11-Raina Giusti 82), 20-Alishia Sultana - **Coach**: Mark Gatt

**Estonja**: 12-Getriin Strigin, 8-Kairi Himanen, 18-Kethy Ounpuu (16-Kelly Rosen 80), 20-Ketlin Saar, 10-Berle Brant, 3-Siret Raamet, 7-Katrin Loo, 17-Eneli Kutter, 13-Kristina Bannikova (9-Livi Sormus 90), 14-Lisette Tammik (15-Samanta Uueda 59), 21-Gerli Israel (23-Ulrika Tulp 78) - **Coach**: Jarmo Matikainen

**Referee**: Tania Fernandes Morais (Lussemburgu)

**Assistenti:** Alan Camilleri, Luke Portelli

**Raba' Uffiċjal**: Alan Mario Sant

**Skorer**: K. Loo 81 (E)

**Malta** .............................................. **4**
**Estonja** .......................................... **1**

Fit-tieni partita, il-Maltin wettqu tpattija sportiva billi għelbu lill-istess Estonja bl-iskor ta' 4-1, fejn aċċertaw fl-ewwel taqsima li fiha skorjaw l-erba'goals.

Fl-ewwel azzjoni denja, fil-18-il minuta, il-Maltin fetħu l-iskor b'xutt mid-distanza ta' SHONA ZAMMIT.

Fil-31 minuta rduppjaw, meta minn azzjoni ta' corner kienet JADE FLASK li b'daqqa ta' ras xeħtet fix-xibka.

Fit-38 minuta, reġgħet kienet SHONA ZAMMIT li sabet ix-xibka għall-Maltin b'xutt sabiħ minn tarf il-kaxxa għal doppjetta personali.

U proprju fil-45 minuta, il-Maltin aċċertaw mir-rebħa permezz tal-Għawdxija MARIA FARRUGIA li approfittat minn żball tal-goalkeeper avversarja, Getter Laar, biex tefgħet il-ballun f'lasta vojta.

L-Estonja naqqsu l-marġni tal-iskor, fit-62 minuta, minn ULRIKA TULP li ħadet vantaġġ minn żball fiddifiża Maltija.

**Malta**: 1-Janice Xuereb, 7-Nicole Sciberras (4-Charlene Marie Cassie 80), 2-Gabriella Zahra, 9-Alishia Sultana, 10-Maria Farrugia (6-Andrea Faye Zammit Mizzi 89), 14-Shona Zammit, 15-Jade Flask (20-Mandy Debono 53), 16-Charlene Zammit, 18-Emma Xuereb, 19-Brenda Borg (5-Stephania Farrugia 46), 13-Martina Borg (11-Raina Giusti 63) **Coach**: Mark Gatt

**Estonja:** 1-Getter Laar (12-Getriin Strigin 46), 8-Kairi Himanen, 18-Kethy Ounpuu (9-Liivi Sormus 46) (21-Gerli Israel 81), 20-Ketlin Saar, 10-Berle Brant, 3-Siret Raamet, 7-Katrin Loo, 17-Eneli Kutter (4-Ariina Murkhain 75), 13-Kristina Bannikova, 14-Lisette Tammik, 16-Kelly Rosen (23-Ulrika Tulp 46) **Coach**: Jarmo Matikainen

**Referee:** Tania Fernandes Morais (Lussemburgu)

**Assistenti:** Edward Spiteri, Mitchell Scerri

**Raba' Uff.:** Clayton Pisani

**Skorers:** S. Zammit 18, 38, J. Flask 31, M. Farrugia 45 (M), U. Tulp 62 (E)

**Ammonita**: E. Kuttler (E)





UEFA Girls Youth Under-16 Development Tournament

# It-tfajliet Maltin jirbħu l-logħbiet kollha b'mod konvinċenti

It-team nazzjonali Malti ta' Taħt is-16-il sena tat-tfajliet spiċċa fl-ewwel post fil-UEFA European Girls Youth Under-16 Development tournament li sar f'pajjiżna bejn id-29 ta' Jannar u t-2 ta' Frar.

Malta rebħet lil Andorra 2-0, lil Ġibiltà 14-0 u lil Liechtenstein 6-0.

**BIDU TAJJEB**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **2** |
| **Andorra** | **0** |

It-team Malti fetaħ l-impenji tiegħu kontra Andorra fis-Centenary Stadium, fil-5 ta' Frar, 2018, b'rebħa ta' 2-0.

It-tfajliet Maltin, immexxija mill-coach Dorianne Theuma, serrħu rashom fl-ewwel taqsima hekk kif il-player ta' Birkirkara, Veronique Mifsud, irreġistrat doppjetta.

L-ewwel goal wasal fit-23 minuta, hekk kif Mifsud indirizzat xutt mill-viċin wara li rċeviet il-ballun mingħand Haley Bugeja.

It-tieni goal wasal 11-il minuta wara meta Emma Philippa Ciantar għaddiet pass lejn Mifsud li għamlithom 2-0.

Il-Maltin kienu sfortunati li ma għamluhomx tlieta meta x-xutt ta' Ciantar kien imdawwar għal corner mill-goalkeeper ta' Andorra, Elizabeth Oreliana Trastay.

**REBĦA KBIRA KONTRA ĠIBILTÀ**

| | |
|---|---|
| **MALTA** | **14** |
| **ĠIBILTÀ** | **0** |

F'partita mingħajr l-ebda storja, il-Maltin għelbu lil Ġibiltà bl-iskor ta' 14-0.

Sal-ewwel 10 minuti, Malta kienet diġà fil-vantaġġ ta' żewġ goals minn Kailey Willisz u Maia Debono. Lejn tmiem l-ewwel taqsima, Malta bniet vantaġġ ta' disa' goals li waslu minn Veronique Mifsud, Willis li skorjat erba' goals oħra, Maya Lucia u Debono.

Wara l-mistrieħ, il-Maltin komplew jixxalaw hekk kif skorjaw ħames darbiet mingħajr risposta bil-goals jaslu minn doppjetta ta' Emma Ciantar u hat-trick ta' Maria Michaela Cassar għal skor finali ta' 14-0.

**REBĦA OĦRA FAĊLI**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **6** |
| **Liechtenstein** | **0** |

Fit-tielet logħba tagħhom, il-Maltin kisbu rebħa faċli oħra fuq Liechtenstein bl-iskor ta' 6-0.

Sa mis-suffara inizjali, il-Maltin ħarġu fuq l-offensiva u resqu viċin minn tentattivi ta' Emma Ciantar u Rachela Pace.

Madankollu fid-19-il minuta, fetħu l-iskor minn Veronique Mifsud wara azzjoni ta' corner.

Ftit minuti wara, Maia Debono rdoppjat minn kanunata li kienet devjata mill-goalkeeper ta' Liechtenstein.

Wara dan il-goal, il-Maltin ħadu għal kollox l-inizjattiva u ma kienet l-ebda sorpriża li, fit-28 minuta, skorjaw it-tielet goal minn Rachela Pace, biex sitt minuti wara, kien imiss lil Hayley Bugeja li tkompli żżid l-iskor.

Lejn tmiem l-ewwel taqsima, it-team Malti skorja darbtejn oħra minn auto-goal ta' Joelle Altherr u minn Laura Chetcuti.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin baqgħu jamministraw u setgħu wkoll iżidu l-iskor iżda Jessica Lee Dimech falliet mill-11-il metru.

L-iskwadra Maltija kienet komposta minn:

**Goalkeepers:** Giulia D'Antuono, Sarah Zarb (Mosta).

**Difensuri:** Tammy Agius, Jessica Lee Dimech (Tarxien Rainbows), Laura Chetcuti Dimech (Sliema Wanderers), Valentina Rapa (Gozo), Haley Bugeja (Mġarr United), Maria Michaela Cassar (Kirkop United).

**Midfielders:** Michela Bonello Ghio, Maya Lucia (Raiders), Maia Melaine Debono, Rachela Pace (Mġarr United), Emma Philippa Ciantar (Mosta), Shania Marie Spiteri (Żebbuġ Rangers), Elena Sissons (Tarxien Rainbows), Kaycee Micallef (Birkirkara).

**Attakkanti:** Shakira Bugeja (Kirkop United), Veronique Mifsud (Birkirkara), Kailey Willis (Tarxien Rainbows), Rebecca Laferla (Mġarr United).





# Malta tospita żewġ korsijiet tal-UEFA għar-referees

## L-aqwa referees fl-Ewropa jħejju għat-Tazza tad-Dinja 2018

L-aqwa referees tal-Ewropa kienu f'Malta fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar għal kors tax-xitwa bi tħejjija għall-impenji tagħhom fit-Tazza tad-Dinja li se ssir fis-sajf li ġej, ġewwa r-Russja.

Referees ġodda fi ħdan il-UEFA wkoll kienu parti minn dan il-kontinġent f'pajjiżna li kien ilaħħaq mal-170 persuna.

Dan il-kors huwa meqjus bħala avveniment importanti fil-kalendarju tar-referees tal-UEFA.

"Dan il-kors isir fi żmien meta l-attività internazzjonali tkun xi ftit kalma fil-bidu tas-sena, u jservi biex ir-referees iħejju ruħhom qabel jibdew bl-impenji tagħhom fil-UEFA Champions u Europa League, kif ukoll f'logħbiet oħra f'kategoriji differenti," tenna Kevin Azzopardi, id-Direttur tar-Refereeing fi ħdan l-MFA.

Dan l-avveniment annwali għar-referees jikkonsisti f'żewġ korsijiet differenti, wieħed għal dawk meqjusa bħala Elite u kors ieħor għar-referees internazzjonali godda.

L-avveniment f'Malta kien mifrux fuq tlett ijiem u kien ikkordinat mill-kumitat tar-Referees tal-UEFA immexxi mill-ex referee ta' fama internazzjonali, Pierluigi Collina.

Is-Sur Azzopardi żied jgħid: "Apparti l-aspett ta' teorija, dan il-kors inkluda wkoll testijiet fiżiċi kif ukoll sessjonijiet prattiċi għar-referees preżenti."

F'Malta għal dan il-kors ma setax jonqos li fost l-elite referees kien hawn uħud minn fost dawk li ftit tax-xhur oħra se jkunu qed jikkontrollaw fost l-aħjar logħbiet fit-Tazza tad-Dinja fir-Russja, f'Ġunju li ġej.

Fost dawn kien hemm Cuney Cakir, mit-Turkija, il-Ġermaniż Felix Brych, it-Taljan Gianluca Rocchi u r-referee Ingliż Michael Oliver.

L-MFA Refereeing Centre kellu sehem importanti fl-organizzazzjoni mill-aqwa u l-mod eċċellenti li bih ospitat f'Malta lil dan il-kontinġent mill-UEFA.

Din kienet it-tielet darba li Malta ospitat avveniment prestiġjuż bħal dan wara korsijiet simili fl-2000 u anke fl-2010.

F'April li ġej, se jsir kors ieħor organizzat mill-UEFA f'Malta, din id-darba għall-assistant referees.

# Il-"live-in" annwali tal-Akkademja tar-referees



Bejn nhar il-Ġimgħa 26 u l-Ħadd 28 ta' Jannar 2018, sar b'suċċess il-"live-in" annwali tal-Akkademja tar-Referees fis-Seashells Resort, il-Qawra. It-tema għal dan il-programm intensiv ħafna mifrux fuq tlett ijiem, kienet REACH THE TARGET.

Il-"live-in" fetaħ b'introduzzjoni mill-Project Leader tal-Akkademja Paul Caruana, segwit minn żewġ taħditiet – waħda minn referee internazzjonali Malti, Alan Mario Sant, u oħra minn elite referee, Malcolm Spiteri, bis-suġġetti jkunu Basic Requirements for Efficient Performances u Effective Communication between Match Officials, rispettivament.

Is-Sibt 27 ta' Jannar, l-uniku ġurnata sħiħa tal-programm, bdiet b'żewġ taħditiet: waħda minn psikologa u dietologa sportiva, Samantha Tabone, u oħra mis-Cyber Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Wara dawn it-taħditiet, il-grupp telaq lejn is-Centenary Stadium fejn il-coach Ronald Zammit ħa ħsieb is-sessjoni ta' taħriġ, u Franco Cachia ħa ħsieb il-prattika tal-futsal (tajjeb jingħad li għall-ewwel darba f'dan il-"live-in" ingħata spazju lill-futsal ukoll).

Waranofsinhar, l-istudenti tal-akkademja reġgħu marru s-Centenary Stadium u assistew għall-partita mill-kampjonat BOV Premier League bejn St Andrews u Floriana; qabel il-partita kellhom l-opportunità li jsegwu il-pre-match talk bejn l-uffiċjali tal-logħba, filwaqt li wara l-partita, il-grupp mar lura l-lukanda fejn kien hemm taħdita dwar il-futsal minn Gjergji Bitri.

Il-jum tal-Ħadd, 28 ta' Jannar, beda b'kolazzjon u quddiesa, segwit minn quiz fuq ir-regolamenti tal-logħba mid-Direttur tar-Refereeing Kevin Azzopardi.

Eżatt wara, ir-referee tal-partita St. Andrew's vs Floriana, Ishmael Barbara, ingħaqad mal-istudenti għal sessjoni analitika tal-prestazzjoni li kellu, fejn il-parteċipanti ntalbu jniżżlu tliet punti tajbin u oħrajn inqas tajbin. L-analiżi kienet segwita minn taħdita bl-isem "Living the dream" minn ex-student tal-Akkademja u llum assistant referee nazzjonali, Luke Xuereb.

Id-diskors tal-għeluq mis-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti, immarka tmiem il-"live-in", b'awguri lill-parteċipanti kollha li jiksbu suċċess fil-karriera tar-refereeing.



Jake Grech (Birkirkara) attakkat minn Angus Buhagiar (Naxxar L.)

# Rimonta minn Birk biex daħlu biċ-ċans?

Wara li ntlagħbet id-19-il ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, teżisti possibbilta li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu tista' tkun bejn erba' timijiet hekk kif hemm ħames punti bejniethom meta fadal seba' logħbiet għat-tmiem.

Dawn huma Balzan (42), Valletta (41), Birkirkara (37) u Gzira United (37) għalkemm Hibernians (35) jistgħu wkoll jitqiesu bħala 'outsiders' minħabba li hemm ħafna konfronti diretti u għaldaqstant hemm il-punti x'jintrebħu u x'jintilfu. Mill-aħħar edizzjoni ta' Sportiv, kull team lagħab tliet partiti, jiġifieri, waħda fl-aħħar ġimgħa Jannar u tnejn fl-ewwel nofs ta' Frar, minħabba li fit-tielet ġimgħa ntlagħab il-kwarti finali tal-FA Trophy.

Il-progress ta' kull team huwa (fil-parentesi jidhru wkoll il-punti sad-19-il ġurnata):

**Balzan (42)** - Il-leaders Balzan ma tantx kellhom riżultati tajbin meta minn tliet partiti waqqgħu erba' punti hekk kif għelbu lil Hamrun S. (2-0) iżda temmew fi draw kontra Vallella (0-0) u Floriana (1-1) għal total ta' 5 punti.

**Valletta (41)** - L-istess bħal-leaders tal-klassifika, Valletta kisbu ħames punti meta ġew miżmuma darbtejn minn Sliema W. (1-1) u Balzan (0-0) filwaqt li għelbu lil Lija A. (3-1). Dan ifisser li ma kien l-ebda ċaqliq bejn dawn iż-żewġ timijiet mill-aħħar klassifika ta' tliet ġimgħat ilu.

**Birkirkara (37)** - Iżda Birkirkara ggwadanjaw erba' punti fil-konfront ta' dawn iż-żewġ timijiet minħabba li rebħu t-tliet partiti tagħhom billi għelbu lil Senglea A. (5-0), Naxxar L. (2-0) u lil Sliema W. (2-1) biex irreġistraw it-tmien rebħa konsekuttiva.

**Gzira United (37)** - Matul dawn it-tliet ġimgħat, Gzira United fallew ħames punti hekk kif sfaw megħluba minn Hibernians (2-0), ġew miżmuma fi draw minn St Andrew's (1-1) biex finalment għelbu lil Hamrun Spartans (2-1). Dan it-telf ta' ħames punti kien ifisser li l-Maroons intlaħqu minn Birkirkara.

**Hibernians (35)** - Hibernians irreġistraw seba' punti meta kisbu żewġ rebħiet li fihom għelbu lil Gzira Utd (2-0) u lil Senglea A. (5-1) iżda mbagħad ġew




# kirkara

ritratti: Christine Borg, Dominic Borg



Amadou Samb (Gzira U.) ittakiljat minn Kemar Reid (St Andrew's)



Jonathan Bondin (Senglea A.) jikklerja minn fuq Carlos Goncalves (Birkirkara)

miżmuma minn Mosta (0-0).

**Floriana (33) -** Floriana tilfu r-raba' post tal-klassifika meta minn massimu ta' disa' punti huma kisbu biss erbgħa, b'rebħa fuq Hamrun S. (1-0) u draw kontra Balzan (1-1) biex imbagħad sfaw megħluba minn St Andrew's (1-0).

**Sliema Wanderers (29) -** Bħal Floriana, Sliema Wanderers komplew jiddiżappuntaw meta ġabru biss erba' punti. Dawn kienu kontra Valletta (1-1) u Lija A. (2-1) iżda mbagħad tilfu kontra Birkirkara (2-1).

**Hamrun Spartans (25) -** Hamrun Spartans baqgħu bl-istess ammont ta' punti meta tilfu t-tliet konfronti tagħhom kontra Balzan (2-0), Floriana (1-0) u Gzira U. (2-1).

**Mosta (23) -** Mosta rreġistraw ħames punti importanti biex bihom resqu lejn in-nofs tal-klassifika u neħħew kull pressjoni li jistgħu jkunu b'xi mod involuti fil-ġlieda kontra r-relegazzjoni. Huma għelbu lil Tarxien R. (1-0) u spiċċaw fi draw kontra Hibernians (0-0) u St Andrew's (0-0).

**Senglea Athletic (19) -** Senglea Athletic kisbu biss punt wieħed fejn il-pożizzjoni tagħhom hija kemmxejn prekarja meta jinsabu ħames punti 'l bogħod miż-żona l-ħamra. Huma spiċċaw fi draw kontra Tarxien R. (2-2) u tilfu kontra Birkirkara (5-0) u Hibernians (5-1).

**St Andrew's (16) -** St Andrew's għamlu pass kbir lejn is-salvazzjoni meta rreġistraw ħames punti u nqalgħu miż-żona tar-relegazzjoni. Dan ifisser li s-Saints ma ġewx megħluba hekk kif għelbu lil Floriana (1-0) u temmew fi draw kontra Gzira Utd (1-1) u Mosta (0-0).

**Naxxar Lions (14) -** Naxxar Lions daħlu fil-periklu meta rreġistraw biss tliet punti fir-rebħa ta' 4-0 fuq Lija A. iżda sfaw megħluba minn Birkirkara (2-0) u Tarxien R. (5-2).

**Tarxien Rainbows (14) -** Tarxien Rainbows laħqu lil Naxxar Lions fil-post ta' qabel l-aħħar meta f'dawn it-tliet ġimgħat kisbu erba' punti. Ir-Rainbows għelbu lil Naxxar L. (5-2), temmew fi draw kontra Senglea A. (2-2) u sfaw megħluba minn Mosta (1-0).

**Lija Athletic (5) -** Bħal Hamrun Spartans, it-team ta' qiegħ il-klassifika, Lija Athletic, ġarrab tliet telfiet minn daqstant logħbiet biex ma ħa l-ebda punt ... li waslu kontra Naxxar L. (4-0), Sliema W. (2-0) u Valletta (3-1).

# KAMPJONAT PREMIER

## II Round

**Logħba Nru 113 - 26.01.2018 - 19.00 hrs**

Valletta 1
A. Prosa 81
Sliema Wanderers 1
M. Scerri 15

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Valletta** – Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (9-Michael Mifsud 82), 10-Matteo Piciollo, 14-Kyrian Nwoko, 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh, 23-Claudio Pani (24-Rowen Muscat 70), 27-Miguel Angel Alba (99-Albert Prosa 58)
Coach – Danilo Doncic
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 33-Stefano Bianchardi, 4-Matias Muchardi, 14-Frank Temile, 15-Nikolae Milincenau (9-Jefferson De Assis 70), 8-Mark Scerri, 16-Michele Sansone (18-Edmond Agius 83), 17-Peter Xuereb (10-Gabriel Aquilina 90), 11-Ashong Ni Nortey, 7-John Mintoff, 24-Goran Adamovic
Coach – John Buttigieg
Referee – Stefan Pace
Assistenti – Alan Camilleri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Luke Portelli
Ammoniti – S. Borg, R. Camilleri, J. Zerafa (V); F. Temile, G. Adamovic, A. N. Nortey, S. Bianchiardi (SW)

## II Round

**Logħba Nru 114 -27.01.2018 - 14.00 hrs**

Tarxien Rainbows 0

Mosta 1
D. Mansi 45

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – Andrea Cassar, 5 – Ebiabowei Baker, 16 – Andre Charles Scicluna, 15 – Luke Grech, 4 – Stefan Radovanovic, 8 – Matthew Spiteri (33 – Sean Cipriott 68), 14 – Andrew Agius, 11 – James Brincat (7 – Matthew Brincat 76), 99 – Matteo Desira Buttigieg (19 – Wellington De Oliveira Viera 65), 18 – Samba Tounkara, 9 – Matar Dieye
Coach – Jose Borg
**Mosta** – 1 – Andreas Vella, 7 – Leonardo Henrique Ferreira, 23 – Massimo Sammartino, 33 – Thomas Veronese, 11 – Kurt Magro (21 – Neil Frendo 83), 5 – Davide Mansi, 22 – Tyron Farrugia, 3 – Rodriguez Ekani Jonas, 9 – Jan Tanti (8 – Kyle Frendo 69), 15 – Ivan Maric, 10 – Alex Wendel Dos Santos (2 – Liam Portelli 89)
Coach – Johann Scicluna
Referee – Darryl Agius
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Philip Farrugia
Ammoniti – S. Radovanovic (TR), D. Mansi, A. Vella (M)

## II Round

**Logħba Nru 115 - 27.01.2018 - 14.00 hrs**

Lija Atheltic 0

Naxxar Lions 4
M. Bustos 12, J. D. Moser 29, D. Falzon 71, Y. De Jesus Messias 76

HT 0-2 **Centenary Stadium**

**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 34-Daniel Vukomanovic, 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 8-Aaron Sammut, 13-McAllister Cinch (2-Carl Cassar 80), 21-Raphael Alain Kooh Sona, 23-Hysa Valifor, 25-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 9-Leejoe Schembri
Coach – Joseph Galea
**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duarte Junior, 7-Jean Diego Moser (16-Jurgen Debono 75), 8-Ryan Grech (15-Ryan Gilmour Cassar 79), 9-Manolito Micallef (18-Joel Ellul 82), 10-Daren Falzon, 11-Duane Bonnici, 19-Daniel Mateo Bustos, 24-Elhadji Oussenyou Ndoye, 91-Yuri De Jesus Messias
Coach – Oliver Spiteri
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Matthew Degabriele
Ammoniti – L. J. Schembri (2), E. Beu (L)
Tkeċċa – L. J. Schembri 60 (LA)

## II Round

**Logħba Nru 116 - 27.01.2018 - 16.00 hrs**

Hibernians 2
C. Failla 6, J. Moreira 53
Gzira United 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 2-Timothy Tabone Desira, 5-Martin Kreuzriegler, 8-Rodolfo Soares, 10-Jurgen Degabriele (30-David Xuereb 90), 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 17-Joao Moreira (23-Jorge Da Silva Pereira 67), 19-Johann Bezzina, 20-Andrei Agius, 31-Giorgi Gorozia
Coach – Mark Miller
**Gzira U.** – 17-Justin Haber, 21-Roderick Briffa, 13-Clifford Gatt Baldacchino (11-Juan Corbolan 60), 25-Kris Thackray (9-Luca Brincat 84), 4-Destin Prince-Loic Mambouana, 14-Moises Avila Perez, 30-Edison David Zarate Bilbao, 10-Andrew Cohen (6-Nikolai Muscat 84), 31-Ndubisi Emmanuel Okoye, 77-Amadou Samb, 99-Haruna Zambuk Garba
Coach – Darren Abdilla
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Duncan Sultana, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Chris Francalanza
Ammoniti – R. Soares (H), C. Gatt Baldacchino, A. Samb, K. Thackray (G)

## II Round

**Logħba Nru 117 - 27.01.2018 - 16.00 hrs**

St. Andrew's 1
K. Reid 28 pen
Floriana 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**St. Andrew's** – -Matthew Calleja Cremona, 23-Travis Blagrove, 14-Jason Vandelannoite, 8-Misael Miranda Gomez, 22-Kemar Reid, 10-Marcus Grima (20-Ricardo Martin 49), 11-Joseph Farrugia, 16-Matthew Gauci, 21-Degran Jackson (7-Aidan Jake Friggieri 59), 17-Jacob Walker, 9-Tano Azian (24-Jamie Magri Overend 90)
Coach – Michael Woods
**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 10-Maurizio Vella, 17-Jurgen Pisani (77-Leighton Grech 45) 20-Michele Paolucci, 22-Alex Cini, 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina
Coach – Nicolas Chiesa
Referee – Ishmael Barbara
Assistenti – Mitchell Scerri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – S. Nayar (F)
Tkecca – M. Vella 55 (F)

## II Round

**Logħba Nru 118 - 28.01.2018 - 14.00 hrs**

Birkirkara 5
S. Dimitrov 35, 48, 73, J. Grech pen. 43, S. Uyi og 64
Senglea Athletic 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – 26-Kristjan Naumovski, 15-Nikola Vukanac, 5-Fernando Barbosa Pereira, 8-Mislav Andelkovic, 20-Srdan Dimitrov, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves (25-Gianluca Zammit 69), 19-Waldemar Jesus Acosta Ferreira, 10-Jake Grech (28-Ayrton Attard 80), 2-Edward Herrera (23-Terence Agius 64), 11-Kurt Zammit, 21-Ryan Scicluna
Coach – Paul Zammit
**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 5-Randall Vella, 27-Steve Bonnici, 13-Sergio Uyi, 4-Jonathan Bondin, 8-Matias Garzia, 2-Hubert Vella (3-Ian Azzopardi 49), 23-Josuel Spiteri, 10-Terence Vella (9-Nicola Palmieri 62), 21-Augusto Rene Caseres, 7-Braga Gregori (14-Jurgen Suda 69)
Coach – Paolo Favaretto
Referee – Etienne Mangion
Assistenti – Duncan Sultana, Theodore Zammit
Raba' Uff. – Ishmael Barbara
Ammoniti – E. Herrera (B), I. Azzopardi, J. Spiteri (S)



**Mislav Andelkovic (Birkirkara) jipprova jantiċipa lil Ricardo Correa (Sliema W.)**



**Kurt Magro (Mosta) jiddefendi l-ballun minn Jurgen Degabriele (Hibernians)**



**Paul Fenech (Balzan) fl-azzjoni kontra Valletta**

## II Round

**Logħba Nru 119 - 28.01.2018 - 16.00 hrs**

Balzan 2
U. Ljubomirac 16, M. Lepovic 90
Hamrun Spartans 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Balzan** – Sean Mintoff, 11-Steven Bezzina (44-Jacob Borg 90), 17-Alfred Effiong, 15-Michael Johnson, 18-Uros Ljubomirac, 20-Ivan Bozovic (4-Justin Grioli 84), 86-Bojan Kaljevic, 8-Paul Fenech, 99-Milos Lepovic, 50-Bruno Gilio De Oliveira, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes (10-Siraj Eddin Arab 87)
**Coach** – Marko Micovic
**Hamrun S.** – 1-Steve Sultana, 77-Marco Criaco (17-Arthur Faria Machado 54), 6-Daniel Zerafa, 81-Cristian Zaccardo, 16-Guilherme Felipe De Castro, 70-Lydon Micallef, 7-Triston Caruana (4-Dale Camilleri 12), 93 Thiago Espindola De Paula 5-Tiago Souza De Silveira, 15-Luke Sciberras (30-Karl Micallef 71), 9-Alexander Nilsson
**Coach** – Jacques Scerri
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Jude Amin Utulu
Ammoniti – P. Fenech, M. Lepovic, S. Bezzina (B), L. Sciberras, T. Souza De Silveira (H)

## II Round

**Logħba Nru 120 - 02.02.2018 - 19.00 hrs**

Gzira United 1
A. Samb 79 pen
St. Andrew's 1
K. Reid 62

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 21-Roderick Briffa, 4-Destin Prince-Loic Mambouana, 25-Kris Thackray (9-Luca Brincat 76), 26-Sacha Borg, 14-Moises Avila Perez, 30-Edison David Zarate Bilbao, 10-Andrew Cohen, 77-Amadou Samb, 99-Haruna Zambuk Garba, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye (11-Juan Corbolan 63)
**Coach** – Darren Abdilla
**St. Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez, 9-Tano Azian, 11-Joseph Farrugia, 14-Jason Van De Lenoitte, 16-Matthew Gauci, 17-Jacob Walker, 19-Martin Davis (7-Aidan Friggieri 89), 20-Ricardo Martin, 22-Kemar Reid
**Coach** – Michael Woods
Referee – Glen Tonna
Assistenti – Mitchell Scerri, Theodore Zammit
Raba' Uff. – Ishmael Barbara
Ammoniti – J. Walker, R. Martin, K. Reid, T. Azian (SA); S. Borg, A. Samb, K. Thackray, E. Bilbao (GU)

## II Round

**Logħba Nru 121 - 03.02.2018 - 14.00 hrs**

Senglea Athletic 2
M. Garzia 3, T. Vella 50
Tarxien Rainbows 2
W. De Oliveira Viera 32, E. M. Calin 81

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 5-Randall Vella, 4-Jonathan Bondin, 13-Sergio Uyi, 3-Ian Azzopardi, 8-Matias Azzopard, 15-Gonzalo Nicolas Virano, 11-Ivan Paz, 10-Terence Vella, 9-Nicola Palmieri, 7-Braga Gregori (21-Augusto Rene Caseres 65)
**Coach** – Paolo Favaretto
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 5-Ebiabowei Baker, 16-André Charles Scicluna, 15-Luke Grceh, 3-Stefan Radovanovic, 10-Gabriel Aquilina, 33-Sean Cipriott, 11-James Brincat (6-Godwin McKay 70), 21- Eduard Calin, 18-Samba Tounkara, 19-Wellington De Oliveira Viera (7-Matthew Brincat 62)
**Coach** – Jose Borg
Referee – Matthew Degabriele
Assistenti – Alan Camilleri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Ishmael Barbara
Ammoniti – S. Uyi, I. Azzopardi (SA) S. Radovanovic (TR)

## II Round

**Logħba Nru 122 - 03.02.2018 - 14.00 hrs**

Sliema Wanderers 2
O. Sidibe 58 o.g., M. Sansone 61
Lija Athletic 0

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 22-Stefano Bianciardi, 4-Matias Muchardi, 14-Frank Temile, 15-Nikolae Milinceanu, 8-Mark Scerri (3-Kurt Shaw 86), 16-Michele Sansone (21-Ryan Spiteri 70), 17-Peter Xuereb, 23-Ricardo Calixto Correa, 7-John Mintoff, 9-Jefferson De Assis (18-Edmond Agius 58)
**Coach** – John Buttigieg
**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 2-Carl Cassar (9-Dylan Agius 78), 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 8-Aaron Sammut, 5-Patrick Borg, 24-Ousmane Sidibe, 23-Hysa Vilfor (13-Clinch McAllister 84) 25-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 20-Ryan Sammut (21-Alain Rapha Kooh Sohna 57)
**Coach** – Joseph Galea
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Luke Portelli, William Debattista
Raba' Uff. – Darryl Agius
Ammoniti – P. Xuereb (S), R. Sammut, K. Hirose (L)

## II Round

**Logħba Nru 123 - 03.02.2018 - 16.00 hrs**

Floriana 1
J. Cabral 27
Hamrun Spartans 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan (24-Matthew Grech 68), 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 11-Juninho Cabral, 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Nicolas Chiesa
**Hamrun S.** – 22-Jake Galea, 77-Marco Criaco, 6-Daniel Zerafa, 81-Cristian Zaccardo, 16-Guilherme Felipe De Castro, 30-Karl Micallef (70-Lydon Micallef 55), 17-Arthur Faria Machedo, 93-Thiago Espindola De Paula, 5-Tiago Souza Da Silvera, 4-Dale Camilleri (7-Triston Caruana 66), 9-Alex Nilsson
**Coach** – Jacques Scerri
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Edward Spiteri, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Sandro Spiteri
Ammoniti – J. Cabral, E. Marcolina, M. Fontanella (F); T. Espindola De Paula, G. F. De Castro, A. Faria Machedo (HS)
Tkecca – T. Espindola De Paula 74 (HS)

## II Round

**Logħba Nru 124 - 03.02.2018 - 16.00 hrs**

Naxxar Lions 0

Birkirkara 2
T. Agius 47, W. J. Acosta Ferreira 57

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Naxxar L.** – -Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duarte Junior, 7-Jean Diego Moser (23-Mark Fenech 70), 9-Manolito Micallef, 10-Daren Falzon (18-Joel Ellul 70), 11-Duane Bonnici, 19-Daniel Mateo Bustos, 20-Angus Buhagiar (15-Ryan Gilmour Cassar 84), 24-Elhadji Ousseynou Ndoye, 91-Yuri De Jesus Messias
**Coach** – Oliver Spiteri
**Birkirkara** – : 26-Kristjan Naumovski, 5-Fernando Barbosa, 8-Mislav Andelkovic, 10-Jake Grech (7-Nicholas Farrugia 90), 11-Kurt Zammit, 15-Nikola Vukanac, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves, 19-Waldemar Jesus Acosta Ferreira (25-Gianluca Zammit 83), 20-Srdjan Dimitrov (28-Ayrton Attard 87), 22-Cain Attard, 23-Terence Agius
**Coach** – Paul Zammit
Referee – Eman Grech
Assistenti – Duncan Sultana, Thomas Debono
Raba' Uff. – Stefan Pace
Ammoniti – A. Buhagiar (NL), T. Agius (B)




Ivan Bozovic (Balzan) segwit minn Sebastian Nayar (Floriana)

Triston Caruana (Hamrun S.) jaqbeż lil David Zarate (Gzira U.)



## II Round

**Logħba Nru 125 - 04.02.2018 - 14.00 hrs**

Mosta 0

Hibernians 0

National Stadium

**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo Henrique Ferreira (77-Zachary Brincat 83), 23-Massimo Sammartino, 33-Thomas Veronese, 11-Kurt Magro, 5-Davide Mansi, 22-Tyron Farrugia, 3-Jonas Rodriguez Ekani, 14-Dexter Xuereb (8-Kyle Frendo 90), 15-Ivan Maric, 30-Emmanuel Akwa Dei Agyemeng

Coach Johann Scicluna

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 5-Martin Kreuzriegler, 22-Joseph Mbong, 6-Rui Da Gracia Gomes (4-Dunstan Vella 83), 19-Johann Bezzina (7-Jackson Lima 85), 13-Clayton Failla, 10-Jurgen Degabriele, 11-Bjorn Kristensen (99-Arlindo Oliveira Neto 75), 17-Joao Moreira, 20-Andrei Agius, 31-Giorgi Gorozia

Coach – Mark Miller

Referee – Sandro Spiteri

Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista

Ammoniti – R. Da Gracia Gomes, B. Kristensen (HS), M. Sammartino (M)

## II Round

**Logħba Nru 128 - 10.02.2018 - 14.00 hrs**

Birkirkara 2

J. Grech 24, 71

Sliema Wanderers 1

N. Milinceanu

HT 1-0 National Stadium

**Birkirkara** – 26 - Kristjan Naumovski, 5 - Fernando Barbosa Pereira, 8 - Mislav Andelkovic, 10 - Jake Grech, 11 - Kurt Zammit, 14 - Ognjen Rolovic, 15 - Nikola Vuakanac, 17 - Carlos Alberto Da Silva Goncalves Junior (2 - Edward Herrera 77), 20 - Srdan Dimitrov (28 - Ayrton Attard 90), 22 - Cain Attard, 23 - Terence Agius (21 - Ryan Scicluna 46)

Coach – Paul Zammit

**Sliema W.** – 1 - Glenn Zammit, 33 - Stefano Bianciardi, 4 - Matias Muchardi (5 - Kilan Ameli 74), 14 - Frank Temile, 15 - Nikolae Milincenau, 18 - Edmond Agius, 16 - Michele Sansone (10 - Ayrton Azzopardi 46), 17 - Peter Xuereb (21 - Ryan Spiteri 86), 23 - Ricardo Calisto, 7 - John Mintoff, 3 - Kurt Shaw

Coach – John Buttigieg

Referee – Malcolm Spiteri

Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono

Raba' Uff. – Sandro Spiteri

Ammoniti – S. Bianciardi, K. Shaw (SW), F. Barbosa Pereira, K. Naumovski (B)

## II Round

**Logħba Nru 127 - 09.02.2018 - 19.00 hrs**

St. Andrew's 0

Mosta 0

Centenary Stadium

**St. Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez, 9-Tano Azian, 11-Joseph Farrugia, 14-Jason Van Delanoitte, 16-Matthew Gauci, 17-Jacob Walker, 19-Martin Davis (20-Ricardo Martin 69), 21-Degran Jackson, 22-Kemar Reid

Coach – Michael Woods

**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo Henrique Ferreira, 23-Massimo Sammartino, 33-Thomas Veronese, 11-Kurt Magro, 5-Davide Mansi, 22-Tyron Farrugia, 3-Jonas Rodriguez Ekani, 14-Dexter Xuereb, 10-Giordano Trovado (9-Jan Tanti 82), 30-Emmanuel Akwa Dei Agyemeng (77-Zachary Brincat 82)

Coach – Johann Scicluna

Referee – Jude Amin Utulu

Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista

Raba' Uff. – Philip Farrugia

Ammoniti – M. Miranda Gomez, J. Farrugia (SA); K. Magro, Z. Brincat, R.E. Jonas (M)

## II Round

**Logħba Nru 131 - 12.02.2018 - 18.00 hrs**

Lija Athletic 1

E. Beu 92

Valletta 3

A. Prosa 34, M.A. Alba 65, 75

HT 0-1 Centenary Stadium

**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 3-Predrag Babic, 24-Ousmane Sidibe, 6-Daniel Scerri, 13-McAllister Clinch, 5-Patrick Borg, 21-Raphael Kooh Sohna, 23-Hysa Vilfor (19-Nigel Spiteri 55), 25-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 9-Dylan Agius (22-Lee Joe Schembri 60)

Coach – Joseph Galea

**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (14-Kyrian Nowko 69), 10-Matteo Piciollo, 18-Enmy Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh (21-Denni Rocha dos Santos 78), 24-Rowen Muscat, 27-Miguel Angel Alba, 99-Albert Prosa (9-Michael Mifsud 74)

Coach – Danilo Doncic

Referee – Ishmael Barbara

Assistenti – Luke Portelli, Theodore Zammit

Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann

Ammoniti – E. Beu (LA)

## II Round

**Logħba Nru 126 - 04.02.2018 - 16.00 hrs**

Balzan 0

Valletta 0

National Stadium

**Balzan** – 1-Sean Mintoff, 11-Steve Bezzina, 15-Michael Johsnon, 23-Elkin Orlando Serrano Vakero, 18-Uros Ljubomirac, 20-Ivan Bozovic (4-Justin Grioli 79), 86-Bojan Kaljevic, 8-Paul Fenech, 99-Milos Lepovic, 9-Alex Da Paixao Alves (6-Ryan Fenech 89), 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes (17-Alfred Effiong 68)

Coach – Marko Micovic

**Valletta** – 1-Henry Bonello, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 10-Matteo Picciolo (14-Kyrian Nwoko 66), 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Ze-rafa, 20-Raed Ibrahim Saleh, 24-Rowen Muscat, 27-Miguel Angel Alba (9-Michael Mifsud 81), 99-Albert Prosa

Coach – Danilo Doncic

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Duncan Sultana, Luke Portelli

Raba' Uff. – Dusan Petrovic

Ammoniti – I. Bozovic, S. Bezzina, M. Lepovic, U. Ljubomirac, S. Mintoff, B. Kaljevic (B); M. A. Alba, J. Zerafa (V)

Tkeċċew – M. Lepovic 90, U. Ljubomirac 90 (B)

## II Round

**Logħba Nru 129 - 10.02.2018 - 16.00 hrs**

Balzan 1

C. E. De Fiori Mendes 59

Floriana 1

M. Fontanella 35

HT 0-1 National Stadium

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 11-Steve Bezzina, 17-Alfred Effiong, 6-Ryan Fenech (4-Justin Grioli 46), 50-Bruno Giglio De Oliveira, 20-Ivan Bozovic (10-Siraj Eddin Arab 79), 86-Bojan Kaljevic, 8-Paul Fenech, 9-Alex Da Paixao Alves, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes

Coach – Ludvic Bartolo

**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz (17-Jur-gen Pisani 84), 7-Steve Pisani, 11-Juninho Cabral, 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina

Coach – Nicolas Chiesa

Referee – Matthew Degabriele

Assistenti – Luke Portelli, Dusan Petrovic

Raba' Uff. – William Debattista

Ammoniti – E. O. Serrano Valero, A. Da Paixao Alves (B); E. Marcelina, I. E. Akpan, S. Nayar (F)

## II Round

**Logħba Nru 130 - 12.02.2018 - 18.00 hrs**

Tarxien Rainbows 5

R. S. Faria 35, 88, W. De Oliveira Viera 41, 45, S. Tounkara 49 pen

Naxxar Lions 2

D. Bustos 37, E. Baker og

HT 3-1 National Stadium

**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 4-Stefan Radovanovic, 5-Ebiabowei Baker, 10-Gabriel Aquilina, 14-Andrew Agius, 15-Luke Grech, 16-Andrè Charles Scicluna, 18-Samba Tounkara (11-James Brincat 89), 19-Wellington De Oliveira Viera (6-Godwin McKay 81), 21-Eduard Malin Calin, 22-Ricardo Silva Faria (99-Matteo Desira Buttigieg 90)

Coach – José Borg

**Naxxar L.** – x1-Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duarte Junior, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef (15-Ryan Gilmour Cassar 46), 11-Duane Bonnici, 19-Daniel Mateo Bustos, 20-Angus Buhagiar, 21-Mohamed Belhadj (16-Jurgen Debono 66), 24-Elhadji Oussenyou Ndoye (10-Daren Falzon 46), 91-Yuri De Jesus Messias

Coach – Oliver Spiteri

Referee – Darryl Agius

Assistenti – Paul Apap, Duncan Sultana

Raba' Uff. – Malcolm Spiteri

Ammoniti – S. Tounkara, R. S. Faria, G. Aquilina (TR); R. Grech (NL)

## II Round

**Logħba Nru 132 - 12.02.2018 - 20.00 hrs**

Hamrun Spartans 1

L. Micallef 57

Gzira United 2

A. Samb 69 pen, H. Garba 80

HT 0-0 National Stadium

**Hamrun S.** – 22-Jake Galea, 77-Marco Criaco, 6-Daniel Zerafa, 81-Cristian Zaccardo (15-Luke Sciberras 55), 16-Guilherme Felipe De Castro, 30-Karl Micallef (98-Bradley Schembri 89), 17-Arthur Faria Machedo, 7-Triston Caruana, 5-Tiago Souza Da Silveira, 70-Lydon Micallef, 4-Dale Camilleri

Coach – Jacques Scerri

**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 21-Roderick Briffa (11-Juan Corbolan 78), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 4-Destin Price-Loic Mambouana, 25-Kris Thackray, 14-Moises Avila Perez, 30-Edison David Bilbao Zarate (99-Haruna Garba 72), 10-Andrew Cohen (6-Nikolai Muscat 72), 8-Zack Scerri, 77-Amadou Samb, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye

Coach – Darren Abdilla

Referee – Fyodor Zammit

Assistenti – Jurgen Spiteri, Sammy Attard

Raba' Uff. – Matthew Degabriele

Ammoniti – M. Criaco, L. Sciberras (HS), D. P. Mambouana, R. Briffa, K. Thackray (GU)




Emerson Marcelina (Floriana) jantiċipa lil Guilherme de Castro (Hamrun S.)

## II Round

**LogĐba Nru 133 - 12.02.2018 - 20.00 hrs**

Hibernians 5

A. Caseres 8

Senglea Athleta 1

C. Failla 15 pen, J. Moreira 41, J. Degabriele 66, D. Vella 88, A. Oliveira Neto 90

HT 1-1 Centenary Stadium

**Hibernians** – 24-Rudy Briffa, 4-Dunstan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui da Gracia Gomes, 10-Jurgen Degabriele (99-Arlindo Oliveira Neto 75), 13-Clayton Failla (7-Jackson Lima 63), 19-Johann Bezzina (8-Rodolfo Soares 67), 20-Andrei Agius, 17-Joao Moreira, 22-Joseph Mbong, 31-Giorgi Gorozia

Coach – Mark Miller

**Senglea A.** – 16-Matthew Farrugia, 5-Randall Vella, 4-Jonathan Bondin (27-Steve Bonnici 70), 13-Sergio Uyi, 3-Ian Azzopardi, 15-Gonzalo Virano, 23- Josuel Spiteri (6-Brian Volpini 72), 11-Ivan Paz, 10-Terence Vella (9-Nicola Palmieri 78), 21-Augusto Caseres, 7-Gregori Braga

Coach – Paolo Favaretto

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Edward Spiteri, Peter Abela

Raba' Uff. – Sandro Spiteri

Ammoniti – A. Agius (H); Brian Volpini (SA)



### KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan | 19 | 12 | 6 | 1 | 31 | 13 | 42 |
| Valletta | 19 | 12 | 5 | 2 | 29 | 8 | 41 |
| Birkirkara | 19 | 12 | 1 | 6 | 33 | 17 | 37 |
| Gzira U. | 19 | 11 | 4 | 4 | 38 | 26 | 37 |
| Hibernians | 19 | 10 | 5 | 4 | 29 | 10 | 35 |
| Floriana | 19 | 9 | 6 | 4 | 32 | 13 | 33 |
| Sliema W. | 19 | 8 | 5 | 6 | 26 | 18 | 29 |
| Hamrun S. | 19 | 7 | 4 | 8 | 25 | 21 | 25 |
| Mosta | 19 | 6 | 5 | 8 | 22 | 31 | 23 |
| Senglea A. | 19 | 5 | 4 | 10 | 20 | 32 | 19 |
| St Andrews | 19 | 4 | 4 | 11 | 17 | 36 | 16 |
| Naxxar L. | 19 | 3 | 5 | 11 | 21 | 33 | 14 |
| Tarxien R. | 19 | 4 | 2 | 13 | 23 | 47 | 14 |
| Lija A. | 19 | 1 | 2 | 16 | 18 | 59 | 5 |

Yuri de Messias (Naxxar L.) jahrab lil Eduard Calin (Tarxien R.)

**Min Qed Jiskorja**

**18** – Amadou Samb (Gzira U.).

**13** – Bojan Kaljevic (Balzan).

**10** – Mario Fontanella (Floriana).

**8** – Jake Grech (Birkirkara); Clayton Failla (Hibernians).

**7** – Luke Montebello (Birkirkara); Ignacio Varela (Floriana); Ndubisi Emmanuel Okoye (Gzira U.); Erjon Beu (Lija A.); Ricardo Silva Faria (Tarxien R.).

**6** – Samba Tounkara (Tarxien R., 5 għal Gzira U.); Yuri de Jesus Messias (Naxxar L.); Denni Rocha dos Santos (Valletta).

**5** – Alfred Effiong, Uros Ljubomirac (Balzan); Mauricio Vella, (Floriana); Leonardo Henrique Ferreira (Mosta); Raphael Kooh Sohna (Lija A.); Rene Caseres, Nikola Gonzalo Virano (Senglea A.); Jefferson de Assis (Sliema W.); Ryan Darmanin (Tarxien R.); Matteo Piciollo (Valletta).

**4** – Srdjan Dimitrov (Birkirkara); Lydon Micallef (Hamrun S.); Jurgen Degabriele (Hibernians); Daniel Bustos, Scott Fenwick (Naxxar L); Terence Vella (Senglea A.); Joseph Farrugia, Kemar Reid (St Andrew's); Kylian Nwoko (Valletta).

**3** – Juninho Cabral (Floriana); Francisco Manuel Clavero, Marco Criaco (Hamrun S.); Jorge Elias dos Santos, Dunstan Vella (Hibernians); Tyrone Farrugia, Wendell dos Santos (Mosta); Nicola Palmieri (Senglea A.); Frank Temile (Sliema W.); Wellington de Oliveira (Tarxin R.); Santiago Malano (Valletta).

**2** – Alex de Paixo Alves, Edoardo Di Fiori Mendes, Elkin Serrano Valero (Balzan); Carlos Alberto, Bruno Fernandes Andrade, Matthew Guillaumir (Birkirkara); Enzo Ruiz, Steve Pisani (Floriana); Andrew Cohen (Gzira U.); ); Thiago Souza de Silveira, Davide Succi (Hamrun S.); Johann Bezzina, Joao Moreiro, Marco Sahanek (Hibernians); Abubakar Bello Osagie, Lee Joe Schembri (Lija A.); Davide Mansi, Dexter Xuereb (Mosta); Duane Bonnici, Darren Falzon (Naxxar L.); Matias Garcia, Peter Sammut (Senglea A.); Gabriel Aquilina, Nikolae Milinceanu, John Mintoff, Matias Muchardi, Mark Scerri (Sliema W.); Michael Mifsud, Albert Prosa (Valletta).

**1** – Milos Lopovic, Ryan Fenech (Balzan); Terence Agius, Cain Attard, Waldemar Jesus Acosta Ferreira, Edward Herrera, Martin Klein, Ernest Nfor, Fabiano Oliveira, Nikola Vukanac (Birkirkara); Arthur Henrique Oyama (Floriana); Haruna Garba, Juan Corbolan, Gary Muir, Nikolai Muscat, Moises Avila Perez, Andre White (Gzira U.); Siraj Arab, Triston Caruana, Guilherme Felipe de Castro, Arthur Faria Machado, José Mauricio Marinho, Pedro Henrique, Thiago Espindola de Paula, Luke Sciberras, Cristiano Zaccardo, Daniel Zerafa (Hamrun S.); Andrei Agius, Martin Kreuzriegler, Jackson Lima, Arlindo Oliveira Neto, Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Patrick Borg, Miranda Gomez, Djamel Leeflong (Lija A.); James Brincat, Zachary Brincat, Calvin Camilleri, Cristian Fernandez, Gordon Henshaw, Ivan Maric (Mosta); Adrian Cascaval, Jean Diego Moser (Naxxar L.); Ivan Paz (Senglea Athletic); Stefano Bianchiardi, Nikola Gavric, Alex Muscat, Frenci Qeros, Michele Sansone, Ryan Spiteri, Peter Xuereb (Sliema Wanderers); Aiden Friggieri, Degran Jackson, Nehemiah Perry, Jacob Walker (St Andrew's); Artur Benes, Matteo Desira Buttigieg, Edouard Marian Calin, Matas Dieye, Godwin McKay, Misael Miranda, Andre Scicluna (Tarxien Rainbows), Miguel Angel Alba, Nikola Asceric, Jean Borg, Russell Fenech, Juan Cruz Gill, Claudio Pani (Valletta)

**Auto-Goals (7)** – Matthew Spiteri (Tarxien R.) favur Hamrun S. 1-4; Sem Kemana (Gzira U.) favur Mosta 2-2; Goran Ada-movic (Sliema W.) favur Floriana 0-1; Ousmane Sidibe (Lija A.) favur Floriana 0-6; v Sliema W. 0-2; Sergio Uyi (Senglea A.) favur Birkirkara 0-5; Ebiabowie Baker (Tarxien R.) favur Naxxar L. 5-2.

# Min se jtemm fit-tieni post?



**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 17 | 12 | 3 | 2 | 38 | 19 | 39 |
| Pietá H. | 17 | 11 | 0 | 6 | 40 | 23 | 33 |
| Mqabba | 17 | 10 | 3 | 4 | 36 | 19 | 33 |
| Zebbug R. | 17 | 8 | 6 | 3 | 29 | 19 | 30 |
| Vittoriosa S. | 17 | 7 | 5 | 5 | 30 | 24 | 26 |
| Zejtun C. | 17 | 7 | 5 | 5 | 26 | 24 | 26 |
| San Gwann | 17 | 6 | 6 | 5 | 26 | 26 | 24 |
| Qrendi | 17 | 5 | 8 | 4 | 22 | 24 | 23 |
| Sirens | 17 | 6 | 3 | 8 | 29 | 29 | 21 |
| Pembroke A. | 17 | 8 | 5 | 4 | 35 | 21 | 19 |
| Zabbar SP | 17 | 4 | 4 | 9 | 19 | 34 | 16 |
| Marsa | 17 | 2 | 6 | 9 | 18 | 34 | 12 |
| Melita | 17 | 3 | 3 | 11 | 15 | 34 | 12 |
| Rabat A. | 17 | 1 | 1 | 15 | 14 | 47 | 4 |

*Pembroke A. tnaqqsulhom 10 punti

Mqabba v Qormi

ritratt: Alan Saliba

**12.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Rabat A. v Pietà H. ............................2-0**
Gabriel Mensah, Christian Degabriele (RA)

**13.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Melita v Sirens..................................0-2**
Christian Caruana, Daniel Agius (S)

**Pembroke A. v Zabbar SP.............3-0**
Igor Misan, Jean Pierre Mifsud Triganza, Njongo Priso (PA)

**14.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Qrendi v Zejtun C. ............................0-3**
Johan Castano 3 (ZC)

**Vittoriosa S. v San Gwann............3-2**
Joseph JoJo Ogunuppe (2), Andrea Camilleri o.g. (VS); Godwin Blessing Henshaw 2 (SG)

**Victor Tedesco Stadium**
**Zebbug R. v Mqabba......................2-0**
Mauro Bonnici, Karl Cutajar o.g. (ZR)

**Qormi v Marsa ..................................2-1**
Jose Lucas Caetano da Silva, Luke Busuttil (Q); Luka Mijic (M)

**26.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**San Gwann v Qrendi.......................3-2**
Julio Cesar Souza Martins da Silva, Petar Mrvic (Q); Mario Andres Arieta Suarez, Sergio Hili, Thiago Lopes de Souza (SG)

**Sirens v Qormi ..................................1-2**
Luke Galea (S); Bojan Kremenovic, Lubos Adamec (Q)

**27.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Zabbar SP v Melita .........................2-1**
Nestor Luis Silva Canas, Shalon Diacono (ZSP); Luke Micallef (M)

**Mqabba v Pembroke A..................4-2**
Njongo Priso 2 (PA); Michael Borg, Paul Chimezie 2, Michael Borg, Gianfranco Micallef (M)

**28.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Pietà H. v Zebbug R. ........................1-3**
Larson Mallia, Aud-Gustin James Obaje, Ryan Micallef (ZR); Juan Manuel Artiaga (PH)

**Marsa v Vittoriosa S........................2-2**
Paul Lapira, Luka Mijic (M); Obinna Obiefule, Kieran Degiorgio (VS)

**29.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Zejtun C. v Rabat A...........................1-0**
Adam Smeir (ZC)

**02.02.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Mqabba ...............................1-1**
Miguel Ciantar (Mq); Luke Micallef (Ml)

**03.02.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Qrendi v Marsa..................................2-2**
Paul Lapira 2 (M); Shunsuke Nakamura, Dhonatan Santos da Hora (Q)

**Pembroke A. v Pietà H....................4-2**
Caio Henrique Alves de Souza, Jean Pierre Mifsud Triganza, Njongo Priso, Yanis Tonna (PA); Dylan Agius, Zachary Grech o.g. (PH)

**04.02.2018**
**Centenary Stadium**
**Zebbug R. v Rabat A.......................2-0**
Aud Gustine James Obaje 2 (ZR)

**Qormi v Zabbar SP..........................3-1**
Luke Busuttil, Chris Vella, Jose Lucas Caetano da Silva (Q); Dillon Pace (ZSP)

**Victor Tedesco Stadium**
**Vittoriosa S. v Sirens.......................1-1**
Emmanuel Mbong (VS); Giovanni Galea (S)

**San Gwann v Zejtun C...................2-0**
Godwin Blessing Henshaw, Kyle Gatt (SG)

**09.02.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Zabbar SP v Vittoriosa S...............2-1**
Shalon Diacono, Kurt Borg (ZSP); Francisco Arriagada Mella (VS)

**10.02.2018**
**Centenary Stadium**
**Pietà H. v Melita...............................3-0**
Gabriel Mensah, Neil Pace Cocks, Jan Busuttil (PH)

**Sirens v Qrendi.................................0-1**
Julio Cesar Souza Martins da Silva (Q)

**11.02.2018**
**Centenary Stadium**
**Marsa v San Gwann.........................0-1**
Sergio Hili (SG)

**Rabat A. v Pembroke A...................1-4**
Njongo Priso, Jean Pierre Mifsud Triganza, Yanis Tonna, Caio Henrique Alves de Souza (PA); Joseph Caruana (RA)

**Victor Tedesco Stadium**
**Mqabba v Qormi................................1-1**
Gianfranco Micallef (M); Chris Vella (Q)

**Zejtun C. v Zebbug R......................3-1**
Francesco Gusman (ZR); Andrea Scozzese, Juni Sato, Adam Smeir (ZC)

# Kollox għadu miftuħ



ritrattI: Walter Sargent

Marsaxlokk v Mgarr United



Gudja U. v Marsaxlokk

**27.01.2018**

**Luxol Stadium**

**Luqa SA v Fgura U. ............... 1-7**
Gilbert Martin 2, Ryan Sell 2, Thomas Grech, Williams Abeeb Abiodun, Justin Zammit (FU); Jihad Azzagari (LSA)

**Gudja U. v Marsaxlokk........ 1-2**
Alan Tabone, Margeith Scicluna (M); Joseph Chetcuti (GU)

**28.01.2018**

**Luxol Stadium**

**Santa Lucia v St George's 4-0**
John Nwoba 2, Clint Zammit, Lee Galea (SL)

**Siggiewi v Birżebbuġa SP. 1-3**
Ronnie Celeste, Didier Sohna, Keith Muscat (BSP); Ian Montanaro (S)

**Sirens Stadium**

**Għargħur v Swieqi U............ 2-3**
Ion Alin Margarit, Roderick Taliana, Kristian Sultana (S); Jake Lovegrove, Ronald Spina (Għ)

**Attard v Kalkara.................... 1-2**
Timothy Thomas, Cristian Suarez (K); Kurt Zahra (A)

**03.02.2018**

**Luxol Stadium**

**Birżebbuġa SP v Attard..... 3-0**
Andrea Cutajar, Didier Sohna, Jean Claude Cassar (BSP)

**Kalkara v Marsaxlokk.......... 1-2**
Isaac Galea, Cleavon Frendo (M); Timothy Thomas (K)

**Sirens Stadium**

**Fgura U. v Għargħur ........... 3-0**
Ryan Sell, Gilbert Martin 2 (FU)

**Mgarr U. v Gudja U. ............ 0-0**

**04.02.2018**

**Luxol Stadium**

**St George's v Siggiewi....... 0-5**
Jake Vella, Kim Buhagiar, Ian Montanaro 2, Jason Camilleri (S)

**Swieqi U. v Santa Lucia..... 0-0**

**10.02.2018**

**Luxol Stadium**

**Santa Lucia v Fgura U......... 0-1**
Abeeb Abiodun Williams (FU)

**Marsaxlokk v Mgarr U......... 3-1**
Daniel Cremona (MU); Kenneth Ekezie 2, Alan Tabone (M)

**11.02.2018**

**Luxol Stadium**

**Gudja U. v Luqa SA............... 3-1**
Ronnie Celeste, Elton Bugeja, Nicholas Zammit (GU); Wayne Cuschieri (LSA)

**Birżebbuġa SP v Kalkara... 1-2**
Jean Claude Cesare (BSP); Timothy Thomas 2 (K)

**Sirens Stadium**

**Attard v St George's ........... 0-1**
Bobby Ray Vaughan (SG)

**Siggiewi v Swieqi U. ........... 1-1**
Andre Farrugia (S); Roderick Taliana (SU)

## Kif jinsabu

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Swieqi U. | 17 | 9 | 6 | 2 | 24 | 11 | 33 |
| Sta Lucia | 17 | 9 | 4 | 4 | 33 | 19 | 31 |
| Siggiewi | 17 | 8 | 7 | 2 | 32 | 18 | 31 |
| Gudja U. | 16 | 8 | 6 | 2 | 29 | 11 | 30 |
| Fgura U. | 17 | 8 | 6 | 3 | 37 | 21 | 30 |
| Kalkara | 17 | 9 | 2 | 6 | 33 | 25 | 29 |
| Marsaxlokk | 16 | 8 | 4 | 4 | 31 | 19 | 28 |
| B'buġa SP | 17 | 7 | 5 | 5 | 31 | 24 | 26 |
| Mgarr U. | 16 | 4 | 7 | 5 | 25 | 37 | 19 |
| Luqa SA | 16 | 4 | 2 | 10 | 19 | 38 | 14 |
| Attard | 17 | 2 | 4 | 11 | 18 | 32 | 10 |
| St George's | 17 | 3 | 2 | 12 | 6 | 34 | 9 |
| Għargħur | 16 | 0 | 3 | 13 | 8 | 37 | 3 |

** Siggiewi ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq St George's wara passi dixxiplinari*
** St George's tnaqqsulhom 2 punt*

**IT-TIELET DIVIŻJONI**

# Ir-rebħ tat-titlu jibqa' missielet bejn St Venera L. u Mellieħa

ritratt: Roger Azzopardi



Mellieħa v Xgħajra Tornadoes

### Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St Venera L. | 14 | 11 | 2 | 1 | 35 | 7 | 35 |
| Mellieħa | 15 | 11 | 2 | 2 | 35 | 8 | 35 |
| Xgħajra T. | 15 | 8 | 4 | 3 | 27 | 14 | 28 |
| Kirkop U. | 15 | 8 | 4 | 3 | 27 | 15 | 28 |
| Msida SJ | 14 | 8 | 1 | 5 | 24 | 19 | 25 |
| Mdina K. | 15 | 7 | 2 | 6 | 28 | 19 | 23 |
| Dingli S. | 15 | 5 | 4 | 6 | 12 | 20 | 19 |
| Zurrieq | 15 | 5 | 3 | 7 | 15 | 20 | 18 |
| Għaxaq | 15 | 4 | 4 | 7 | 22 | 25 | 16 |
| Mtarfa | 15 | 3 | 1 | 11 | 12 | 35 | 10 |
| Marsaskala | 14 | 2 | 1 | 11 | 10 | 41 | 7 |
| Ta' Xbiex | 14 | 1 | 2 | 11 | 10 | 34 | 5 |

**27.01.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Mellieħa v Għaxaq.................. 3-1**
James Borg, Jean Scholey, Bryan Bautista (M); Florin Anton (Għ)

**Ta' Xbiex v St Venera L. .........0-4**
Luca Bugeja, Eddie Wileman 2, Jonathan Micallef (SVL)

**Sirens Stadium**

**Xgħajra T. v Mdina K. ............. 1-1**
Jonathan Muscat (M); Royter Degiorgio (XT)

**Dingli S. v Kirkop Utd .............0-2**
Michael Theuma, Fabrizio Zammit (KU)

**28.01.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Msida SJ v Mtarfa ..................... 4-1**
Dylan Attard, Cristian Toro Perdomo, Ibrahim Tarek 2 (MSJ); Miguel Xerri (M)

**Zurrieq v Marsaskala .............2-0**
Warren Zerafa 2 (Z)

**03.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Kirkop Utd v Ta' Xbiex........... 1-1**
Michael Theuma (KU); Matthew Caruana (TX)

**Marsaskala v Dingli S............ 1-2**
Ryan Parry (M); Kayne Said 2 (DS)

**04.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Xgħajra T. v Msida SJ............. 0-1**
Cristian Toro Perdomo (MSJ)

**Mdina K. v Mellieħa................. 0-3**
.. Lydon Micallef, Bryan Bautista, Ryan Farrugia (M)

**Sirens Stadium**

**Għaxaq v Zurrieq .....................2-2**
Josef Felice 2 (Z); Florin Anton, Clint Vassallo (Għ)

**St Venera L. v Mtarfa..............2-0**
Eddie Wileman 2 (SVL)

**10.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Mellieħa v Xgħajra T. ............. 1-3**
Bryan Bautista (M); Royter Degiorgio 2, Clifton Piscopo (XT)

**Dingli S. v Għaxaq..................... 3-1**
Dean Agius (Għ); Luke Galea 2, Kayne Said (DS)

**Sirens Stadium**

**Msida SJ v St Venera L. .. (posp)**

**Ta' Xbiex v Marsaskala ... (posp)**

**11.02.2018**

**Charles Abela Stadium**

**Mtarfa v Kirkop Utd ................1-6**
Karl Caruana 3, Michael Theuma, Ayrton Buhagiar 2 (KU); Shawn Micallef (M)

**Zurrieq v Mdina K. ...................0-3**
Stefi Cale, Matthew Grech, Cachel Vella (MK)

FOOTBALL

# It-Tazza tad-Dinja esebita f'Malta

ritratti: Roger Azzopardi




Il-panel waqt il-konferenza stampa dwar il-miġja tat-Tazza tad-Dinja

Fl-10 ta' Frar, id-dilettanti tal-football f'Malta, kellhom opportunità unika li jaraw mill-viċin l-iktar trofew prestiġjuża fid-dinja - it-Tazza tad-Dinja.

Hija waqfet f'Malta bħala parti mill-vjaġġ madwar id-dinja li fih se żżur xejn inqas minn 50 pajjiż u 91 belt. Il-vjaġġ jintemm fir-Russa, li huwa l-pajjiż li se jospita l-edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja, f'Ġunju li ġej.

It-Tazza tad-Dinja kienet esposta għall-pubbliku fis-Suq tal-Belt u kienet akkumpanjata mill-ex-player Franċiż, Christian Karembeu, li kien ukoll rebbieħ ta' dan it-trofew fl-1998.

Waqt konferenza stampa li saret ftit mumenti wara l-wasla tat-Tazza tad-Dinja, Karembeu qal li jinsab privileġġat li jinsab f'pajjiżna fl-okkażjoni tat-18-il waqfa li qed tagħmel it-Tazza tad-Dinja.

Huwa rrimarka li t-Tazza tad-Dinja għandha tispira lit-tfal biex jidħlu f'dan l-isport u fl-istess waqt tippromwovi aktar il-logħba tal-football kemm fost l-irġiel kif ukoll fost in-nisa.

Preżenti wkoll kien hemm il-President tar-Repubblika, Marie-Louise Coleiro Preca, li filwaqt li rringrazzjat lil dawk kollha involuti biex it-Tazza tad-Dinja setgħet tinġieb f'Malta, hija qalet li l-football għandu l-abbiltà li jwassal messaġġ ta' paċi u inklużjoni soċjali, jibni l-pontijiet u jkisser il-ħitan.

Min-naħa tiegħu, il-viċi-president tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Football (MFA), Matthew Paris, qal: "Huwa ta' unur li t-trofew oriġinali tat-Tazza tad-Dinja tinsab f'pajjiżna għax minkejja li Malta hija pajjiż żgħir, it-Tazza tad-Dinja nnifisha hija avveniment u l-aqwa manifestazzjoni fid-dinja.

Il-Kap Eżekuttiv ta' GSD Marketing Ltd, Maria Micallef, qalet: "Ninsabu onorati u kuntenti li se nkunu qed nagħtu lid-dilettanti tal-football f'Malta din l-opportunità unika biex ikunu jistgħu jaraw mill-qrib wieħed mill-ikoni sportivi l-aktar rikonoxxuti fid-dinja.

"Din iż-żjara tal-Trophy Tour tal-FIFA World Cup minn Coca-Cola tgħin lin-nazzjon kollu biex jiċċelebra l-passjoni tiegħu għall-football u l-kumpanija GSD Marketing Ltd hija kburija li tifforma parti minn dan l-avveniment."




Il-FIFA World Cup esebita fis-Suq tal-Belt

INTERVISTA

Wara li nħatar Direttur tar-Referees ....

# Hija sfida li dħalt għaliha b'impenn sħiħ

## - Kevin Azzopardi

Wara karriera ta' 10 staġuni fl-ogħla diviżjoni bħala wieħed mir-referees ewlenin, sentejn ilu Kevin Azzopardi nħatar bħala d-Direttur tar-Referees liema responsabbiltá qed jaqdi bl-aktar mod sublimi.
Dan il-magazine sportiv iltaqa' mas-Sur Azzopardi fejn fisser l-irwol tiegħu u l-ħidma kif ukoll il-progress tas-settur tar-refereeing.....



**Għaddew sentejn minn mindu ġejt maħtur bħala Direttur tar-Referees. F'hiex kienet tikkonsisti l-ħidma tiegħek matul dawn is-sentejn?**
L-ewwel pass kien li flimkien nibnu struttura fejn kulħadd jingħata l-ispazju li jaħdem għal għan komuni – il-ġid tar-referees, xejn aktar u xejn anqas.
Kull min wera x-xewqa li jagħti kontribut ġenwin ingħata l-ispazju li jagħmel dan u flimkien qegħdin team ta' nies li kulħadd għandu r-responsabbilitajiet tiegħu. Kien ta' sodisfazzjon li erġajna lqajna fostna numru ta' nies li kienu telqu mis-settur għal raġuni jew oħra.
Ovvjament parti krucjali mix-xogħol tagħna huwa l-iżvilupp tar-referees u fil-fatt matul dawn is-sentejn waħda mill-akbar prijoritajiet tagħna kienet li nrawmu numru ta' referees żgħażagħ u nagħtuhom l-esperjenza neċessarja. Inħoss li dawn is-sentejn kienu perjodu ta' transizzjoni, bħal ma wara kollox jiġri f'team tal-football. Matul l-istaġun li ġej żgur li rridu nkomplu nagħtu aktar opportunitajiet liż-żgħażagħ tagħna, inkluż fl-ogħla kategoriji. B'hekk biss nistgħu nassiguraw futur sod għar-refereeing f'pajjiżna.

**Riċentament Malta ospitat il-UEFA Winter Referee Course. X'kien ifisser dan għal pajjiżna?**
Dan huwa avveniniment annwali prestiġjuż ħafna fil-qasam tar-refereeing fl-Ewropa. Ma kinitx faċli li nakkwistaw id-drtitt li norganizzawh f'pajjiżna iżda rnexxielna. Li jkollok il-membri kollha tal-UEFA Referees' Committee kif ukoll l-aqwa referees Ewropej f'pajjiżek huwa ta' unur kbir.
Kellna kliem ta' tifħir għal din l-organizzazzjoni tagħna u, bla dubju, li mil-lat amministrattiv ħallejna impressjoni tajba ħafna.
Issa jmiss seminar simili f'April, din id darba għall-assistenti referees.

**L-uffiċjali Maltin jibqgħu jirċievu appointments tajbin barra minn Malta. Lejn xhiex tattribwixxi dan il-fatt?**
Sempliċi ħafna ... lejn il-kapaċitajiet tar-referees tagħna. Mill-ewwel ġurnata jien dejjem kont ċar magħhom li jridu jkunu huma biss li jikkonvinċu permezz tal-wirjiet tagħhom kemm lokalment kif ukoll

barra minn xtutna.
Il-fatt li erġajna żammejna l-kwota ta' erba' FIFA referees u tmien FIFA assistant referees huwa xhieda ta' dan kollu flimkien ma' logħob ta' kwalitá li jirċievu l-uffiċjali tagħna.

**Naturalment il-kritika ma tonqosx minn żmien għal żmien. Taħseb li hija ġustifikata?**
Serraħ rasek li l-ebda uffiċjal ma jieħu pjaċir jiżbalja għax jaf li apparti l-kritika esterna, hemm ukoll proċeduri interni fi ħdan id-dipartiment tagħna li uffiċjali li ma jkunux qegħdin fl-aqwa forma ma jiġux kunsidrati għal ċerti logħbiet.
Huwa fatt li kulħadd uman u għalhekk suġġett għall-iżball peró ibqa' ċert li fejn tidħol it-traskuraġni aħna ma nħallu xejn għaddej għax nemmnu li s-servizz tagħna lejn il-football Malti jrid ikun l-aqwa possibbli fiċ-ċirkustanzi tagħna. Minkejja li m'aħniex professjonali, l-attitudni trid tkun u b'wiċċi minn quddiem ngħid li l-uffiċjali tagħna jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ u jagħmlu sagrifiċċji kbar.
Dak li jagħmlu, jagħmluh għax iħobbu l-logħba u żgur mhux għall-kumpens finanzjarju żgħir li jirċievu. Ibqa' ċert li ftit huma dawk li lesti jidħlu għal responsabbiltá bħal din li tirrikjedi impenn kbir u sagrifiċċji kontinwi.

**Fl-etá ta' 37 normalment referee ikun għadu attiv. Madankollu int ta' 35 sena sirt Direttur tar-Referees u wisq probabbli wieħed mill-iżgħar fid-dinja. X'tikkumenta dwar dan?**
Hekk hu ... dan huwa fatt. Peró hija sfida li dħalt għaliha b'impenn sħiħ u fl-istess ħin konxju li l-ħajja dejjem hija kurva ta' tagħlim. Nemmen li flimkien ma' Andre Arciola u Adrian Azzopardi, bħala assistenti diretturi – huma wkoll żgħar fl-etá – ħloqna team b'sinerġija b'saħħitha bbażata fuq prinċipju wieħed ... dak tal-ġustizzja.
F'kull ma nagħmlu dejjem inżommu dan f'moħħna. Ovvjament mhux kull deċiżjoni li nieħdu tinżel tajjeb ma' kulħadd iżda sakemm li jkun hemm raġuni valida għaliex ittieħdet, aħna ma jkollna l-ebda problema biex nagħtu spjegazzjoni.
Din l-istess sinergija nippruvaw nittrasmettuha wkoll bejn ir-referees, aktar u aktar lil hinn mill-ambjent tradizzjonali tal-football. Fil-fatt naħdmu ħafna fuq sessjonijiet ta' team building.
Per eżempju, waqt is-seminar annwali, fis-sajf li għadda, tajna sorpriża lill-uffiċjali kollha għax filwaqt li konna waqt is-seminar f'lukanda lussuża, tlabna lill-parteċipanti kollha jqumu, jirkbu x-xarabank u rħejnielha lejn Kemmuna fejn hemmhekk għamilna treasure hunt u spiċċajna b'barbecue. Waqt seminar għat-talenti prospettivi tagħna fil-Ġermanja, ukoll fis-sajf li għadda, ħadna ħsieb li parti mill-programm tkun dedikata għall-attivitá simili u spiċċajna f'bosk b'attrazzjonijiet speċjali ta' avventura. Din hija filosofija li nemmnu ħafna fiha ... forsi wieħed mill-vantaġġi li jkollok team ta' tmexxija żagħżugħa!

**Finalment, x'appoġġ tagħti l-MFA lejn is-settur tar-referees?**
Appoġġ kontinwu u sħiħ mill-uffiċjali kollha. Norman Darmanin Demajo bħala president u Angelo Chetcuti bħala segretarju ġenerali .... huma tnejn min-nies li dejjem issibhom disposti li jisimgħu u jaraw kif jistgħu jgħinu fiċ-ċirkostanzi. Flimkien mal-viċi-president Alex Manfré bħala chairman tal-Kumitat tar-Referees ilkoll naħdmu flimkien biex is-settur jibqa' jimxi.
B'sodisfazzjon ngħid li matul dan l-aħħar staġun l-MFA żiedet il-budget annwali tar-refereeing b'25%, liema element żgur li jirrifletti fiduċja fil-mod kif qegħdin noperaw u xhieda tal-importanza li din l-amministrazzjoni tagħti lis-settur tar-referees.



ritratti: Joe Borg

# Yazmin Zammit Stevens u Duncan Micallef jirbħu l-unur tal-Isportiva u l-Isportiv tas-Sena 2017



Ir-rebbieħa kollha tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2017

Fis-17 ta' dan ix-xahar, Duncan Micallef u Yazmin Zammit Stevens rebħu l-unuri prinċipali tal-Isport Malta Awards - Għażliet Sportivi Nazzjonali - hekk kif rebħu l-kategoriji tal-Isportiv u Sportiva tas-Sena 2017, f'serata li ġiet organizzata mill-Għaqda Ġurnalisti Sports flimkien ma' SportMalta

Micallef kellu sena tajba meta rebaħ il-Kampjonat Ewropew u sar champion tal-European FIA Top Fuel Dragster u kien l-iktar sewwieq veloċi fl-Ewropa.

Min-naħa tagħha Zammit Stevens ikkwalifikat għal-Logħob tal-Commonwealth u rebħet l-ewwel midalja tad-deheb fl-istorja f'kompetizzjoni internazzjonali għal Malta f'dan l-isport. Matul is-sena 2017 hija kisret 'il fuq minn 30 rekord nazzjonali.

Ir-rebbieħa tal-unuri l-oħra huma dawn:

## ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA

**Edward Xuereb** – Malta Tenpin Bowling Association: Ta' 13-il sena matul l-2017 rebaħ il-kompetizzjoni nazzjonali riservata għall-bowlers Taħt is-16-il sena u kiseb rizultati tajba fix-xena internazzjonali.

## ŻAGĦŻUGĦA TAS-SENA

**Sara Xuereb** – Malta Tenpin Bowling Association: Rebħet żewġ midalji tad-deheb fit-Taz za tal-Pajjiżi ż-Żgħar tat-Tenpin Bowling fis-singles kif ukoll fuq livell ta' team. Kisbet suċċess ukoll fil-kampjonat tal-Mediterran.

## UFFIĊJAL TAS-SENA

**Paul Sultana** – Malta Basketball Association: president tal-MBA. Strumentali fl-amministrazzjoni tal-MBA u l-moħħ wara l-binja ta' court ġdid u l-modernizzar tal-Padiljun eżistenti.

## COACH TAS-SENA

**Angela Adamoli** – Malta Basketball Association: Coach Taljana li ilha tmexxi lit-team nazzjonali Malti tan-nisa għal dawn l-aħħar seba' snin. Matul is-sena li għaddiet dan it-team kiseb il-midalja deheb fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa li saru f'San Marino. Aktar qabel l-istess team spiċċa fl-ewwel post tal-FIBA Division C European Championships.

## TEAM TAS-SENA

**San Ġiljan ASC**: It-team tal-waterpolo ta' San Giljan iddomina x-xena tal-waterpolo lokali fl-2017 fejn rebaħ erba' unuri, il-Kamp-

jonat tax-Xitwa, il-Kampjonat tas-Sajf u il-Kompetizzjoni tan-Knock u t-Tazza tal-President. Matul dawn is-suċċessi, it-team rebaħ il-partiti kollha li lagħab.

## SPORTIV TA-SENA

**Duncan Micallef**: Malta Motorsport Federation u Malta Drag Racing Association: Huwa ċ-champion tal-European FIA Top Fuel Dragster u msejjaħ bħala l-iktar sewwieq veloċi fl-Ewropa. Micallef rebaħ tliet rounds konsekuttivi waqt il-FIA European Top Fuel Drag Racing Championships li saru fl-2017 sabiex rebaħ it-titlu ta' Champion Ewropew tas-sena 2017.

## SPORTIVA TAS-SENA

**Yazmin Zammit Stevens**: Malta Weightlifting Association: Ikkwalifikat għal-Logħob tal-Commonwealth u rebħet l-ewwel midalja tad-deheb fl-istorja f'kompetizzjoni internazzjonali. Fl-Open ta' Llubljana kisbet il-midalja tal-fidda u kisret 'il fuq minn 30 rekord nazzjonali fis-sena 2017.

L-Unur tal-People's Choice Award din is-sena mar għand il-ġinnasta, **Ella Borg**, filwaqt li l-**Malta Racing Club** rebħu l-unur tal-aħjar attivitá internazzjonali tas-sena organizzata fl-2017 meta ospitaw il-kampjonat tan-Nisa tat-tiġrijiet taż-żwiemel bis-serkin bil-parteċipazzjoni ta' 19-il pajjiż, liema avveniment kien dak uffiċjali sportiv waqt il-Presidenza Ewropea ta' Malta.

**Rodney Gauci** li jilgħab il-football u **Yowanna Vassallo** li tilgħab il-bocce ingħataw ir-rikonoxximent bħala l-aħjar atleti ta' Special Olympics matul is-sena 2017.

Il-mistiedna speċjali tas-serata kienet l-atleta Paralimpika Taljana, Giusy Versace.



Duncan Micallef - l-Isportiv tas-Sena 2017



Il-mistiedna speċjali, it-Taljana Giusy Versace, flimkien mal-Aġent Kap Ezekuttiv ta' SportMalta, Chris Bonett, is-Segretarju Parlamentari tal-Isport, Clifton Grima, u l-president tal-GħĠS, Sandro Micallef



Yazmin Zammit Stevens - l-Isportiva tas-Sena 201

# Elise Pellegrin fil-50 post fis-Slalom



L-iskier Elise Pellegrin, li rrappreżentat lil Malta fl-Olimpjadi tax-Xitwa li saru fi Pyeongchang, fil-Korea t'Isfel, spiċċat fil-50 post fid-dixxiplina tas-Slalom, minn massimu ta' 74 kompetitur.

Il-midalja tad-deheb intrebħet mill-Isvediża Frida Hansdotter, segwita mill-Isvizzera Wendy Holdener u l-Awstrijaka Katharina Gallhuber.

Fl-ewwel prova Elise Pellegrin spiċċat fis-56 post bil-ħinijiet intermedji jkunu ta' 14.84 sekondi, 27.05 sekondi u 49.91 sekondi għal total ta' 1 minuta 5.18 sekondi.

Fit-tieni prova, hija tejbet il-ħinijiet tagħha fejn irreġistrat 18.49 sekondi, 20.58 sekondi u 23.28 sekondi għal total ta' 2 minuti 4.08 sekondi biex finalment telgħet fil-50 post.

Fit-tieni prova, minkejja li fl-ewwel intermedju għamlet 18.49 sekondi, pattiet fit-tnejn ta' wara b'20.58 sekondi u 23.28 sekondi biex miżjud mal-ħin tal-ewwel prova għamlet ħin totali ta' 2 minuti 4.08 sekondi li poġġiha fil-50 post fil-klassifika ġenerali.

Dan wara li hija sfat eliminata fil-Giant Slalom fl-aħħar fażi tal-ewwel parti meta naqset li ddur mal-ostaklu 49. Sa dak il-ħin hija kellha ħinijiet sodisfaċenti b'19.55 sekondi, 42.48 sekondi, 1 minuta u 4.17 sekondi u f'1 minuta u 41.17 minuti f'liema prova ħarġet ukoll mill-korsa bil-konsegwenza li kienet tinsab fis-68 post.

Pellegrin, l-unika atleta Maltija li ħadet sehem, ġarret ukoll il-bandiera Maltija fiċ-ċerimonja tal-ftuħ.



# Francesca Curmi

## ssir l-ewwel Maltija li tirbaħ tournament internazzjonali



Francesca Curmi fl-azzjoni

It-tennista Francesca Curmi saret l-ewwel Maltija li rebħet l-International Tennis Federation Grade 2 Tournament.

Hija rebħet dan il-kampjonat tal-ITF Junior Grade 2 fil-belt ta' Tunis, fit-Tuneżija, wara li għelbet lill-Franċiża, Carole Monnet, fi tliet sets 5-7, 7-5, 6-3.

Matul dan it-tournament, Curmi rnexxielha wkoll telimina lir-Rumena, Selma Stefania Cadar, 6-1 6-2, li tinsab fil-115-il post fil-Junior World Rankings.

Hija għamlet sentejn titħarreġ ġewwa s-Serbja u bħalissa qiegħda tieħu taħriġ professjonali f'pajjiżna fl-Akkademja Asciak tat-Tennis taħt id-direzzjoni tal-coach, Matthew Asciak, u l-physical trainer, Dalibor Susa.

Curmi, li għad għandha 15-il sena, hija player promettenti ħafna u diġà qed turi sinjali ċari li kapaci tikkompeti mal-aqwa players fid-dinja.

Bħalissa hija kklassifikata fil-121 post fil-lista tal-aqwa players tal-Juniors fid-dinja li huwa wkoll l-aqwa wieħed li Malta qatt kisbet fil-kategorija femminili.



Francesca Curmi flimkien mal-coaches tagħha



Francesca Curmi tiċċelebra s-suċċess tagħha

# Jiżdied l-interess fil-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"

minn Maria Cremona



Matul dan ix-xahar komplejna nsaħħu r-relazzjoni tagħna mal-parteċipanti u ma naqsux il-mumenti speċjali waqt is-sessjonijiet. Fost l-oħrajn, f'waħda mil-lezzjonijiet mat-tfal mill-iskola primarja ta' Bormla, organizzajna l-Oreo Dunk Challenge. Din l-isfida kisbet fama internazzjonali meta ċelebritajiet, inkluż il-footballer Neymar Jr, issieħbu mad-ditta tal-gallettini popolari Oreo.

F'din l-attività t-tfal riedu jdaħħlu b'mod kreattiv il-gallettina ġo tazza ħalib. Min jixtieq jara filmat ta' din l-isfida jista' jidħol: HYPERLINK "https://www.facebook.com/footballersreadandwriteprogramme/videos/1447761301987863/" https://www.facebook.com/footballersreadandwriteprogramme/videos/1447761301987863/

Bla dubju ta' xejn, kemm it-tfal kif ukoll il-leaders, ħarġu b'ħafna ideat u mossi oriġinali sabiex il-gallettina tidħol fit-tazza tal-ħalib. Mument memorabbli ieħor kien meta l-istudenti ta' Sliema Wanderers FC Youth Nursery taw sorpriża lill-għalliema tagħhom, Sarah Busuttil, billi tawha rigal bħala ġest tal-apprezzament tagħhom. Dawn l-istudenti qed jieħdu gost jattendu s-sessjonijiet u l-imħabba tagħhom lejn il-qari qiegħda tikber sew.

Fuq nota oħra, xi studenti tal-Istitut tal-Arti Kreattiva tal-MCAST ukoll urew interess f'dan il-programm u għalhekk iltqajna biex niddiskutu l-ħidma tagħna u l-ideat tagħhom għall-proġett kreattiv. Dawn l-istudenti jridu jagħtu promozzjoni lil wieħed mill-ħafna programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u għażlu l-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". Bħala parti minn din il-promozzjoni sar filming ta' intervisti u lezzjonijiet f'Birkirkara u f'Għajnsielem. L-istudenti tal-MCAST, Jonathan Brincat u Michela Camilleri, ħadu togħma tal-istruttura tas-sessjonijiet u x-xogħol li jsir sabiex jitwettaq dan il-programm. Hekk kif jitlesta dan il-proġett għandna ntellgħuh fuq il-paġna tagħna ta' Facebook: "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"

Matul dawn l-aħħar xhur, kellna l-opportunità li nkunu mistiedna speċjali fil-programm televiżiv "Twelve to 3" li jixxandar waranofsinhar fuq l-istazzjon TVM. Dakinhar mexxa l-programm il-preżentatur popolari, Ben Camille. Magħna kien hemm ukoll żewġ parteċipanti tal-programm tagħna, Selma Borg




mill-iskola primarja ta' Birkirkara u Mason Mifsud mill-iskola primarja ta' Bormla. Dawn l-istudenti qasmu l-esperjenza tagħhom u l-benefiċċji li ħadu mis-sessjonijiet tal-programm li l-għan tagħhom huwa li jrawmu l-imħabba lejn il-qari u l-logħba tal-football.

Il-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" qed ikabbar il-popolarità tiegħu, tant, li iktar skejjel urew interess fih. Bħalissa ninsabu għaddejjin bl-aħħar preparamenti biex inkomplu l-ħidma tagħna mal-istudenti l-ġodda li se jipparteċipaw fit-Tielet Ċiklu ta' dan il-programm.

Qegħdin inħejju ruħna biex nilqgħu fil-programm studenti ġodda mill-iskejjel ta' Birżebbuġa mill-Kulleġġ San Benedittu, Mġarr mill-Kulleġġ San Nikola, San Ġwann mill-Kulleġġ Santa Klara, Ħal Qormi San Bastjan mill-Kulleġġ Sant'Injazju u l-Isla mill-Kulleġġ Santa Margerita. Se nkomplu wkoll naħdmu id f'id mal-club ta' Sliema Wanderers FC Youth Nursery għal term ieħor. Skejjel oħra li se jissoktaw l-impenji tagħna magħhom huma l-iskola primarja ta' Birkirkara fil-Kulleġġ ta' Santa Tereża u l-iskola primarja ta' Għajnsielem fil-Kulleġġ ta' Għawdex.





# Organizzata l-ewwel attivitá għall-klassifikazzjoni ta' Malta



Matthew Camilleri



Vlad Baldacchino

L-Għaqda Maltija tal-Weightlifting organizzat l-ewwel kompetizzjoni għall-klassifikazzjoni ta' Malta, kif ukoll serviet bħala pjattaforma kbira għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' atleti biex jippruvaw lilhom infushom.

Kien hemm diversi prestazzjonijiet mill-aktar interessanti nkluż numru kbir ta' żgħażagħ li kkompetew għall-ewwel darba li kienu maqsuma f'żewġ gruppi ta' subien u bniet ta' etajiet bejn 10 u s-16-il sena. Kien hemm numru tajjeb minn dawn l-atleti li bdew jagħtu prestazzjoni eċċellenti u refgħat tajbin.

L-aqwa prestazzjoni mill-kadetti waslet minn Rylee Borg li għamel l-aħjar lifts personali b'rekord ta' 40 kilo snatch u 49 kilo ta' clean & jerk fil-kategorija rispettiva tiegħu.

Tenishia Thornton ta' 12-il sena tat prestazzjoni eċċellenti fl-ewwel kompetizzjoni tagħha fis-sezzjoni taż-żgħażagħ. Hija spiċċat b'refgħa ta' 31kg snatch u 43kg clean & jerk u rnexxielha tikser ukoll seba' rekords nazzjonali fil-kategorija 44kg.

L-aqwa prestazzjoni taż-żgħażagħ waslet mill-aqwa atleta ta' Malta U17, Shelby Mangion Vassallo fejn refgħet 60 kilo snatch u 71 kilo fil-clean & jerk. Hija wkoll irnexxielha tikser tmien rekords nazzjonali. L-atleta qed tipprepara bis-sħiħ għall-Olimpjadi taż-Żgħażagħ li se jsiru aktar tard din is-sena.

Elisia Scicluna (90 kilo) u Yazmin Zammit Stevens (69 kilo) taw sfida eċċezzjonali. Scicluna spiċċat b'titjib totali ta' 8 kilos fuq l-aħħar riżultat l-aħjar mill-aħħar Novembru.

Wara Zammit Stevens, li għadha kemm irkuprat minn injury żgħira, hija sabet sfida diffiċli iżda rnexxielha terfa' 75 kilo snatch u 95 kilo clean & jerk.

Il-prestazzjoni eċċellenti ta' Elisia Scicluna spiċċat b'76 kilo snatch u 93 kilo clean & jerk u seba' rekords nazzjonali fil-kategorija tagħha u wriet ukoll li hija fit-triq it-tajba biex tikkwalifika għal-Logħob tal-Mediterran. Kemm Zammit Stevens kif ukoll Scicluna sejrin is-Slovenja għal tliet ġimgħat kamp ta' taħriġ li jwassal sal-laqgħa internazzjonali li jmiss fl-Italja.

F'dak li jista' jiġi mfisser biss bħala l-grupp l-aktar divertenti tal-ġurnata, Vlad Baldacchino, Rodmar Pulis u Matthew Camilleri, kollha marru għal sfida qawwija biex jippruvaw jispiċċaw fl-ogħla livell tal-irġiel.

Vlad Baldacchino (94 kilo) beda l-aktar snatch b'saħħitha ta' 122 kilo, segwit minn Matthew Camilleri (85 kilo) bi snatch ta' 108 kilo u Rodmar Pulis (85 kilo) b'105 kilo.

Fil-clean & jerks, huma wrew li huma aktar qrib b'Rodmar Pulis jispiċċa fil-quċċata b'refgħa ta' 141 kilo, segwit minn Baldacchino b'140 kilo u Camilleri b'133 kilo.

B'mod ġenerali, Baldacchino rebaħ il-grupp bl-aħjar refgħat personali tiegħu. Rodmar Pulis spiċċa fit-tieni post, fejn ta sfida mill-aqwa u li b'mod gradwali qed jilħaq l-aqwa prestazzjonijiet bħal dawk preċedenti.

Għal darb'oħra Matthew Camilleri wera li huwa wieħed mill-iktar atleti konsistenti. It-tliet atleti issa se jkunu qed jippreparaw għall-kompetizzjoni tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa li se ssir fl-Islanda. Huwa wkoll jinsab b'ċansijiet tajbin għall-kwalifikazzjoni għal-Logħob tal-Mediterran.

Il-weightlifting Malti jixtieq jifraħ lill-atleti u lill-coaches kollha għall-isforzi ewlenin tagħhom matul tmiem il-ġimgħa tal-kompetizzjoni.

Grazzi kbira tmur lill-uffiċjali tekniċi u lill-voluntiera kollha li ħadmu bla heda biex jagħmlu din il-kompetizzjoni waħda ta' suċċess.



Shelby Mangion Vassallo




Elisia Scicluna



Rodmar Pulis



Tenishia Thornton



Rylee Borg

# Mark Allen bl-ewwel titlu tat-triple crown




Mark Allen flimkien mal-familja tiegħu wara li rebaħ il-Masters

Mark Allen kellu l-isbaħ mument tal-karriera tiegħu tas-snooker hekk kif għeleb lil Kyren Wilson 10-7 fil-finali tal-Masters biex b'hekk rebaħ avveniment tat-Triple Crown għall-ewwel darba.

Il-player Irlandiż ta' 31 sena minn Antrim, Allen, irkupra minn 4-3 minn taħt biex rebaħ sebgħa mill-aħħar 10 frames f'Alexandra Palace, Londra, qabel ma rċieva l-Paul Hunter Trophy u l-ikbar ċekk tal-karriera tiegħu ta' £200,000. Fit-tmiem tal-logħba kien hemm xeni emozzjonanti b'Wilson bid-dmugħ f'għajnejh hekk kif irrifletta fuq it-telfa, u Allen ġie mgħannaq minn missieru Ronnie, il-mara Kyla, it-tifel tal-mara Robbie u t-tarbija Harleigh.

In-numru 8 tad-dinja, Allen, kien il-player tat-tournament f'Londra hekk kif elimina lil Luca Brecel, Ronnie O'Sullivan u John Higgins biex wasal sal-finali.

U għalkemm fil-finali huwa wera ftit mill-istess forma, għamel biżżejjed biex rebaħ l-10 titlu tal-karriera tiegħu u l-ewwel wieħed mill-Players Championship 2016.

Minn żmien ta' meta kien żagħżugħ, Allen kien imbassar bħala l-aqwa player mill-Irlanda ta' Fuq, wara Alex Higgns u Dennis Taylor, u issa huwa imita liż-żewġ players kbar billi rebaħ l-ikbar tournament tas-snooker bl-invit.

Għal ħafna mill-istaġun li għadda huwa kellu jitħabat bil-logħba tiegħu wara li nfired mill-coach Terry Griffiths, iżda Allen għamel tibdil fil-programm tiegħu fil-bidu ta' dak kurrenti u ħadem iebes ħafna fuq l-imwejjed tat-taħriġ tant li anke tejjeb it-teknika tiegħu. Huwa issa qed jieħu l-frott tax-xogħol li għamel u qed igawdi l-ikbar siegħa tiegħu.

Qabel, il-player Irlandiż lagħab f'finali waħda tat-Triple Crown fejn tilef kontra Judd Trump fil-UK Championship 2011.

Huwa anke sar l-ewwel player minbarra O'Sullivan u Mark Selby li rebaħ tournament tat-Triple Crown mill-2015 waqt li għamel ċert minn post fiċ-Champion of Champions aktar tard din is-sena.

Il-player ta' 26 sena minn Kettering, Wilson, ukoll rebaħ l-ikbar ċekk tal-karriera tiegħu, dak ta' £90,000 bħala finalista li huwa iktar mill-£85,000 li rebaħ meta ħareġ rebbieħ fix-Shanghai Masters 2015, l-uniku titlu tiegħu s'issa mindu sar professjonali.

Dan l-istaġun huwa tilef tliet finali wara li ġie megħlub minn O'Sullivan fl-English Open u minn Ding Junhui fil-Yushan World Open.

Il-player fl-14-il post tar-rankings tad-dinja żgur se jirrifletti fuq iċ-ċansijiet kruċjali li falla fl-ewwel sessjoni meta seta' stabbilixxa vantaġġ sostanzjali.

Wara li l-ewwel sessjoni għalqet fi draw ta' 4-4, l-ewwel frame f'dik ta' fil-għaxija dam sejjer 40 minuta u niżel sal-kuluri b'Wilson jilgħab difiża fjakka fuq il-kannella u Allen jippottja l-kannella u l-blú u jmur 5-4 minn fuq.

Imbagħad Wilson ippareġġa bi break ta' 84 b'Allen imur 7-5 fil-vantaġġ fil-mistrieħ bi 73 u 119 – it-28 century break tat-tournament.

Fit-13-il frame huwa għamel 34 punt iżda ma ġiex f'pożizzjoni tajba b'Wilson jagħmel ħamra biss qabel ma falla s-sewda bir-rest u bi break ta' 50 Allen fetaħ vantaġġ ta' tliet frames.

Iżda Wilson irnexxielu jmur frame biss minn taħt meta għamel 73 u fil-15-il frame għamilhom 8-7 meta wara li Allen għamel 49 b'Wilson jirrispondi b'47 huwa għamilha battalja tad-difiża fuq l-aħħar sewda fejn approfitta meta Allen falla li jippottjaha biex ikklerja sar-roża u ġie frame biss minn taħt.

Ir-risposta ta' Allen kien break ta' 69 u wara ieħor ta' 71 biex issiġilla r-rebħa.

Il-frames kollha ntemmu hekk:

Mark Allen v Kyren Wilson 10-7 – 39-80 (65), 82-22 (62), 50-63 (52), 58-49, 5-87, 86-6 (86), 1-10 (89), 75-52 (Wilson 52), 65-43, 23-92 (84), 79-0 (73), 119-0 (119), 84-1 (50), 0-98 (73), 49-73, 69-2 (69), 72-0 (71).

# Mark Williams jirbaħ l-20 titlu tal-karriera tiegħu

Mark Williams warrab għal kollox l-isfida ta' Graeme Dott meta f'finali mxaqilba lejn naħa waħda għelbu bl-iskor ta' 9 1 biex rebaħ il German Masters quddiem iktar minn 2,000 spettatur fit-Tempodrom ta' Berlin.

Għal Williams dan kien l-20 titlu tal-karriera tiegħu biex sar il-ħames player li laħaq dan it-tragward wara Stephen Hendry (36), Ronnie O'Sullivan (31), John Higgins (29) u Steve Davis (28).

Barra minn hekk dan hu t-tieni titlu ranking li l-player minn Wales rebaħ dan l-istaġun wara li f'Novembru rebaħ in-Northern Ireland Open.

Mhux minn mindu l-2002-03 meta rebaħ it-titli tad-Dinja u tal-UK, li Williams rebaħ żewġ titli fl-istess staġun u l-fatt li rebaħ ukoll is-Six Red World Championship f'Settembru li għadda li huwa bl-invit dan ċertament li huwa l-aqwa staġun tiegħu fi 15-il sena.

Il-premju ta' £80,000 anke ra lil Williams, 42 sena, jitla' tliet postijiet fir-rankings tad-dinja meta issa jinsab is-seba'.

Williams insista li fis-sajf li għadda huwa kważi telaq is-snooker professjonali meta ftit ra ċans li jista' jwaqqaf is-sensiela twila mingħajr titlu ranking li tmur lura għall-2011.

U iktar bit-tama milli bl-istennija huwa dar fuq il-coach Stephen Feeney u l-metodi tiegħu Sight Right li jgħinu lill-players f'konformitá magħhom infushom.

Jaħdem ma' Feeney u l-kollega professjonali Lee Walker, f'dawn l-aħħar xhur Williams qisu twieled mill-ġdid tant li qed jilgħab l-aqwa snooker tal-karriera tiegħu.

Għall-Iskoċċiż Dott, 40 sena, il-finali kienet l-ewwel waħda tiegħu mill-Kampjonat tad-Dinja 2010, iżda huwa naqas li jipproduċi l-forma li ratu jelimina lil Barry Hawkins u Shaun Murphy. B'hekk huwa falla li jirbaħ it-tielet titlu tiegħu għalkemm il-premju ta' £35,000 rah jitla' tliet postijiet fir-rankings.

Break ta' 79 ta l-ewwel frame lil Williams u wara ddomina t-tieni wieħed iżda Dott ħa t-tielet bi clearance ta' 64 wara li Williams kien tela' sa 56. Imbagħad Williams mar 3 1 minn fuq wara li Dott naqas li jagħmilhom 2-2.

Dan kien kruċjali għax breaks ta' 79 u 68 għamlu l-iskor 5 1 u wara huwa rebaħ is-seba' frame u anke ta' warajh bi break ta' 71 għal 7-1 sal-mistrieħ.

Is-sessjoni ta' fil-għaxija damet biss 31 minuta hekk kif Williams kompla jagħmel il-breaks u b'66 u 50 huwa għalaq il-logħba.

"Ninsab fis-seba' sema," qal Williams wara. "Ilni ma nirbaħ tournament is-snin u dan l-istaġun irbaħt tlieta. L-ippottjar fit-tul kien tajjeb ħafna u lgħabt tajjeb ukoll fil-logħba kollha.

"Ġenwinament kont qed naħseb li nitlaq kollox wara l-istaġun li għadda. Għidt lill-mara li kien biżżejjed u ma stajtx inkompli nilgħab bl-istess mod. Kienet hi li dawritni. U x'dawra kienet!"

Min naħa ta' Dott huwa qal: "Tidher tad-daħk meta titlef 9-1 iżda ma naħsibx li lgħabt ħażin daqshekk. Hija l-ewwel darba li tlift bi skor kbir u ħassejtni tajjeb. Fil-passat kelli telfiet kbar u tlift 13-3 meta ma stajtx nippottja boċċa, iżda ħassejtni iktar komdu. Id-difiża tiegħi kienet fjakka u Mark ma kienx qed ifalli xejn waqt li għalija xejn ma mar tajjeb.

"Kmieni fil-logħba missni għamilthom 2-2 iżda forsi bil-mod li kien qed jilgħab ma kinitx tagħmel xi differenza. Lgħabt kontra Mark meta kien fl-aqwa tiegħu għax kien daqstant tajjeb."




**Mark Williams jgħolli t-tro2frew wara li rebaħ il-German Masters**

minn Joe Bajada

# Kamp suċċess mill-Kempo Arnis



Il-Federazzjoni tal-Kempo Arnis ta' Malta li hija bbażata ġewwa Għawdex organizzat kamp ta' taħriġ internazzjonali u kompetizzjoniet fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat Għawdex.

Dan l-avveniment sar wieħed annwali li fih il-konkorrenza qed dejjem tiżdied. Il-kamp ta' taħriġ kien immexxi minn Shihan Borut Kincl 7 Dan li huwa l-fundatur u l-għalliem ewlieni tal-Federazzjoni Kempo Arnis li hija bbażata fis-Slovenja.

Matul il-kamp ta' taħriġ il-membri l-kbar tal-KAF Malta għaddew minn eżami taċ-ċinturin fejn il-kandidati kellhom iwettqu l-ħiliet meħtieġa għal kull grad rispettiv biex jiġu promossi għaċ-ċinturin li jmiss.

Fil-kompetizzjoni l-atleti kellhom jikkompetu kontra xulxin fit-tliet kategoriji differenti sabiex jiġi stabbilit ir-rebbieħ. Dawn il-kategoriji kienu 'Kumite' fil-forma ta' "Knock down Karate" fejn l-atleti jistgħu jużaw daqqiet bil-ponn u bis-sieq u 'Kakutogi' fejn l-atleti jistgħu jużaw daqqiet bil-ponn u bis-sieq, jitfgħu mal-art u jibqu jiġġieldu għal 'submission' bir-regoli tal-MMA.

It-tieni kategorija kienet 'Kata' fejn kull atleta jrid jagħmel il-'Kata' (form) li huma sekwenzi li oriġinaw ġewwa Okinawa u jmorru lura ħafna snin. U t-tielet u l-aħħar kategorija kienet l-'Arnis' (ġlied bl-istikka) fejn l-atleti jilbsu maskla apposta bix-xibka tal-ħadid u jieħdu l-punti billi jolqtu lil xulxin bl-istikka gorras, idejn u saqajn u fil-ġisem.

Punti jingħataw ukoll jekk atleta jirnexxielu jwaqqa' jew jieħu l-istikka lill-avversarju tiegħu. L-atleta li jirnexxielu jirbaħ żewġ kategoriji minn tlieta jkun ir-rebbieħ, f'każ ta' draw tittella' bix-xorti kategorija minnhom u jerġgħu jikkompetu fiha.

Għal din il-kompetizzjoni ħadu sehem membri mill-Federazzjoni minn Malta flimkien ma' atleti tal-istess Federazzjoni minn Slovenja. Ir-referee kien Shihan Borut Kincl, il-fundattur u iċ-Chief instructor tal-Federazzjoni u kien assistit minn erba' judges li taw il-punti rispettivi f'kull taqtiegħa. Ir-rebbieħa kollha ngħataw trofew mill-Federazzjoni.

Fil-kamp ta' taħriġ li kien immexxi minn Shihan Borut Kincl, saru sezzjonijiet ta' taħriġ għal membri kif ukoll eżamijiet għaċ-ċinturini għal gradi differenti.

Saret sezzjoni li kienet miftuħa għal kulħadd fejn Shihan Borut Kincl għallem teknika bbażata fuq is-sistema tal-Kempo Arnis u attendew diversi atleti minn skejjel tal-arti marzjali oħra minn Malta li taw wir-





jiet mill-isbaħ fl-arti rispettivi tagħhom.

Għal dan il-kamp ta' taħriġ attendew ukoll atleti mill-Federazzjoni tal-Kempo Arnis mis-Slovenja. Il-Federazzjoni kienet ferm sodisfatta bin-numru sabiħ, kif ukoll inkoraġġanti ta' parteċipanti fejn għal kamp ta' taħriġ attendew madwar 125 persuna.

Filwaqt li huma jawguraw u jifirħu lil dawk kollha li kienu promossi għal ċinturin ieħor, kif ukoll li dawk li kkompetew b'suċċess, huma jixtiequ jroddu ħajr lil Ministru għal Għawdex Dr. Justyne Caruana għas-support tagħha, kif ukoll ħajr speċjali lil Shihan Borut Kincl li mexxa b'tant professjonalitá dawn it-taħriġ, kif ukoll lill-kollegi Sloveni Tina Kincl, Domen Zorko, Kristjan Pasar, Maša Brulc, Bohanel Sardi, Nadja Gvadjava u Gasper Zickar li kienu ta' għajnuna kontinwa.

Grazzi oħra tmur lil Sensei Ray Gauci u Sensei Mark J. Attard li taw l-għajnuna tagħhom fosthom li għamluha anke ta' judges waqt il-kompetizzjonijiet, kif ukoll lil Sensei Jairzinho Zammit u lit-team tiegħu ta' Siroi Tora Shotokan Karate, lil Sensei Lawrence Attard u lit-team tiegħu tal-Qawra Self defense Club, kif ukoll lil Sensei Francois Deniau għal BJJ demo mill-isbaħ li huwa ta.

Huma raddew ħajr ukoll lid-dirigenzi, kif ukoll lill-ħaddiema tal-Kumpless Sportiv u tal-Bord Sportiv Għawdxi. Finalment grazzi speċjali tmur għal Felix Sammut, Joseph Sultana u Christina Refalo li flimkien ma' Sensei Joe Portelli kkordinaw dan il-Kamp ta' taħriġ li kien wieħed ta' suċċess kbir.

Dawk interessati li jingħaqdu mal-Federazzjoni tal-Kempo Arnis jistgħu jikkuntattjaw lill-Gozo Sports Complex għal aktar informazzjoni, jew iċemplu dirett lil fuq in-numru 79069720 jew emailjbp@go.net.mt.



minn Joe Bajada

# Isir il-Yamaha Gozo Motocross Championship




Gozo Motocross Association, bl-isponsor uffiċjali minn Gasan Zammit Ltd li huma l-aġenti uffiċjali f'Malta u Għawdex tal-muturi Yamaha, kompliet bil-ħidma qawwija tagħha biex dan l-isport ikompli jżid fil-progress tiegħu.

Wara ħidma sfieqa u kontinwa mill-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-membri sewwieqa, it-trakka f'Tax-Xepp fil-limiti tan-Nadur ġiet mibdula kompletament biex issa ħadet dehra differenti u aktar professjonali fejn prattikament sar ċirkwit ġdid. Issa r-rotta saret waħda itwal, b'diversi tlugħ u nżul, b'żieda ta' iktar rampi, żgħar u kbar.

Fl-ewwel round numru ta' sewwieqa Għawdxin kif ukoll Maltin bdew dawn il-kompetizzjoni flimkien fi tliet klassijiet. Fi Klassi A, id-darbtejn champion Etienne Bigeni daħal fl-ewwel post segwit minn sewwieq Malti Stefan Dimech.

Warajh, fit-tielet post ġie Steve Xuereb segwit minn Robert Spiteri u Keith Bugeja. Fi Klassi B, Nataniel Camilleri akkwista l-punti massimi bil-Yamaha YZ 250cc filwaqt li sewwieq Malti ieħor, Brandon Slowe daħal fit-tieni post. Joseph Luke Gauci, li kien promoss minn Klassi Ċ għal dik B, spiċċa fit-tielet post segwit mill-qrib minn Godfrey Bigeni. Fi Klassi C rajna lil Matthew Buttigieg jiddebutta f'din il-klassi u huwa mar tajjeb ħafna hekk li akkwista punti massimi. Warajh daħal Anthony Fenech segwit minn Matthew Spiteri.

Fit-tieni round fi Klassi A, reġa' kien Etienne Bigeni li kellu jissielet bis-sħiħ għall-ewwel post fejn kellu sfida qawwija minn Stefan Dimech u Steve Xuereb kif ukoll Joseph Bigeni u Edward Ciantar. It-tmiem kien wieħed inċert hekk kif Dimech u Bigeni spiċċaw b'distakk ta' punt wieħed biss bejniethom, b'dan tal-aħħar jirbaħ l-ewwel post. Fit-tielet post daħal Xuereb filwaqt li Robert Spiteri u Keith Bugeja wkoll kienu sewwieqa f'din il-klassi.

Fi Klassi B, il-Malti Brandon Slowe wera ħila kbira fuq il-mutur tiegħu hekk kif għamel ukoll Nataniel Camilleri. Infatti dawn ukoll spiċċaw b'distakk ta' punt wieħed bejniethom, bi Slowe jidħol l-ewwel segwit minn Camilleri. Warajhom daħal Jorn Stellini segwit mill-qrib minn Joseph Luke Gauci. Anke Klassi C kienet mill-iktar interessanti fejn Matthew Buttigieg spiċċa l-ewwel post segwit minn Anthony Fenech u Matthew Spiteri rispettivament.

Fit-tielet round, fi Klassi A, Etienne Bigeni, Steve Xuereb, Keith Bugeja, Joseph Bigeni u Robert Spiteri issieltu biex iżommu posthom fuq quddiem tal-klassifika fejn David Dimech spiċċa fl-ewwel post segwit minn Xuereb u Camilleri. Fi Klassi B kien hemm sfida sħiħa bejn Jorn Stellini, Nataniel Camilleri u Joseph Luke Gauci. Camilleri spiċċa fl-ewwel post segwit minn Stellini u Gauci. Matthew Spiteri, Anthony Fenech u Matthew Buttigieg iddominaw il-Klassi C.

Sfortunatament Buttigieg ġarrab ħsarat fil-mutur tiegħu tant li kellu jitlef il-punti kollha tal-ewwel heat. F'din il-klassi Fenech daħal fl-ewwel pożizzjoni, segwit minn Spiteri u l-veteran Mark Camilleri.

Fir-raba' round, fi Klassi A ħareġ rebbieħ Kyle Camilleri segwit minn David Dimech u Clayton Camilleri. Nataniel Camilleri, fi Klassi B, wera l-potenzjal tiegħu hekk kif akkwista punti massimi tal-ġurnata u warajh daħal Matthew Zammit segwit minn Jorn Stellini fit-tielet post. Fi Klassi C, Anthony Fenech għal darb'oħra spiċċa fl-ewwel post. Il-veteran Mark Camilleri daħal fit-tieni post segwit minn Matthew Spiteri. Apparti dan, il-Yamaha Gozo Motocross Championship, matul l istaġun jiġu organizzati wkoll diversi avvenimenti ġewwa kif ukoll barra t-trekk, fosthom Fun Races, Enduro u anke Trials. L-Għaqda dejjem tħeġġeġ aktar sewwieqa ġodda biex jingħaqdu magħha ħalli jgawdu dan l-isport li sar ferm popolari fil-gżira Għawdxija.

Għal iktar tagħrif wieħed għandu jżur il-paġna tal-facebook Gozo Motocross Association.

Ritratti: Alain Salvery.









Minn James Azzopardi

meusac
Connecting citizens to the EU



# Proġetti tal-UE għall-Inklużjoni Sportiva

L-Unjoni Ewropea (UE) tiffinanzja inizjattivi ta' taħriġ u edukattivi permezz ta' diversi programmi ta' fondi li jinkludu anki l-isport. B'hekk, l-UE tkun qed tipprovdi l-opportunità lill-organizzazzjonijiet biex jiżviluppaw u jimplimentaw proġetti innovattivi fil-qasam tal-isport.

Il-fondi tal-UE għall-isport jintużaw f'diversi proġetti li jindirizzaw bosta temi, fosthom dak tad-doping, it-tbagħbis fil-logħob, il-vjolenza fl-isport u l-inklużjoni soċjali. Huwa fatt rikonoxxut li l-potenzjal tal-isport bħala għodda għall-inklużjoni soċjali huwa wieħed b'saħħtu ħafna u ppruvat b'mijiet ta' proġetti u inizjattivi fost id-dixxiplini sportivi. Konsegwentement, l-opportunitajiet ta' proġetti sportivi li jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-inklużjoni soċjali, fost l-oħrajn, qed iqajmu interess kbir fl-Istati Membri tal-UE.

Tant hu hekk, li fit-30 ta' Jannar li għadda, il-ħames edizzjoni tal-Erasmus+ Sport Info Day li saret fi Brussell, ġibdet numru rekord ta' 550 parteċipant. Fid-diskors tiegħu, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, Tibor Navracsics, stqarr li l-isport hu mezz importanti ta' kif jiġu promossi l-valuri tat-tolleranza, ir-rispett u s-sens ta' appartenenza, fost l-oħrajn.

Matul is-sena li għaddiet, l-UE nidiet sejħiet speċifiċi għal applikazzjonijiet ta' proġetti sportivi li jindirizzaw l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-refuġjati. L-għan aħħari kien proprju li l-proġetti li jkunu sottomessi jimmiraw li jgħaqqdu lin-nies bis-saħħa tal-isport, u li l-implementazzjoni tagħhom jikkumplimentaw l-għanijiet ta' fondi oħra, bħal dawk tal-Erasmus+ Sport u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (l-Asylum, Migration and Integration Fund).

Il-ħsieb wara dawn l-opportunitajiet u l-interess li jiġġeneraw jikxfu l-importanza tar-raġuni għaliex l-inklużjoni hi importanti għal kull bniedem. L-esklużjoni soċjali tista' ssarraf f'konsegwenzi fis-saħħa mentali, soċjali u f'vizzji serji. Għall-kuntrarju, meta bniedem iħossu li jagħmel parti minn soċjetà akbar li ma timxix bil-preġudizzji u li tagħtih ċans jesprimi ruħu, awtomatikament ikun f'inqas riskju ta' esklużjoni u l-konotazzjonijiet li din iġġib magħha. Dan hu minnu kemm fejn jidħlu r-refuġjati kif ukoll nies oħra vulnerabbli li jkunu



esklużi mis-soċjetà.

Permezz tal-assistenza tal-MEUSAC, il-Malta Football Association (MFA) applikat għal fondi biex twettaq proġett ta' inklużjoni tar-refuġjati. Il-proġett tal-MFA intgħażel mill-UE flimkien ma' 32 proġett ieħor. Bħalma jsir f'diversi applikazzjonijiet ta' entitajiet oħra, il-MEUSAC għenet biex l-MFA toħloq pjan b'attivitajiet li għandhom fil-qalba tagħhom l-inklużjoni tar-refuġjati permezz tal-football.

Għaldaqstant, l-isem tal-proġett ma setax ikun iktar ċar milli hu: 'Include me and I'll understand'. L-għan speċifiku tal-proġett hu li permezz tal-involviment ta' numru ta' clubs lokali, l-MFA tippromwovi l-inklużjoni tar-refuġjati fis-soċjetà Maltija. Matul iż-żmien tal-proġett (tnax-il xahar), l-MFA qed timmira li madwar 240 persuna (140 refuġjati u 100 Maltin) jibbenefikaw minn din l-esperjenza.

L-MFA dan se tagħmlu permezz tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-football li jinkludu taħriġ tekniku u fiżiku, informazzjoni dwar nutrizzjoni, taħriġ dwar il-kultura tal-football, żjara fl-istadiums lokali, attendenza għal logħbiet tal-football u festival tal-football li se jinkludi lill-parteċipanti kollha.

Proprju dan il-festival tal-football se jkun il-qofol ta' dan il-proġett, billi jlaqqa' persuni ta' etajiet, ġeneru u nazzjonalitajiet differenti biex jipparteċipaw flimkien u jieħdu gost jilagħbu l-logħba tal-football ma' sħabhom kif ukoll ma' nies li se jkunu laqgħu magħhom grazzi għal dan il-proġett. Għal iktar informazzjoni dwar fondi tal-UE disponibbli għal għaqdiet sportivi, kif ukoll dwar kif wieħed jista' japplika għal dawn il-fondi, tistgħu tikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq info.meusac@gov.mt jew 2200 3300. Inħeġġukom ukoll iżżuru s-sit elettroniku meusac.gov.mt u tirreġistraw permezz ta' formola onlajn biex tirċievu aġġornamenti regolari dwar opportunitajiet għal fondi Ewropej.



Kampjonat 1963-64

minn Tonio Farrugia

# Valletta jegħlbu lil Floriana

**L-Għaxar Ġurnata (tkompli)**

**01-03-1964:**
**Valletta FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: F. Borg (V) 56'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Ritchie Casha u Joe Cassar Naudi**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani, Tony Calleja, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Din kienet l-ewwel telfa għal Floriana minn meta daħlu fit-team Freddie Vella James, Żarenu Alamango u l-goalkeeper Nenu Fabri. Minn dak in-nhar huma kienu kisbu sitt rebħiet konsekuttivi – ħamsa fil-kampjonat u rebħa ta' 3-2 kontra Spartak Motorlet, fil-Christmas Tourney.

2. Floriana pprotestaw bl-aħrax marreferee Lentini f'żewġ okkażjonijiet differenti l-ewwel meta fis-36 minuta xutt ta' Tony Cauchi ħabat ma' id Joe Cilia bir-referee Lentini jagħmel sinjal biex il-logħob ikompli sejjer filwaqt li fid-59 minuta goal ta' Tony Cauchi ġie mħassar għal offside dubjuż.

3. Ġimgħa qabel, fil-23 ta' Frar, filpartita mill-kampjonat tal-Under 21 bejn iż-żewġ timijiet Valletta kienu għelbu lil Floriana 7-0 bil-goals jaslu minn Freddie Borg 'Il-Waniż, darbtejn Vince Vassallo u erba' goals f'erba' minuti minn Charles Zarb lejn tmiem il-partita.

**Klassifika:** Sliema Wdrs FC 18-il pt.; Valletta FC 16-il pt.; Floriana FC 14-il pt.; Hibernians 13-il pt.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Rabat FC 6 pti.; Melita FC 5 pti.; St. George's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; T. Cauchi (Floriana FC); V. Cassar (Hibernians FC); E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC) u F. Borg (Valletta FC) 7 goals; E. Mizzi (St. George's FC) 6 goals.

**Il-Ħdax-il Ġurnata**

**14-03-1964:**
**Melita FC – Ħamrun Sp. FC 0-0**
**H.T 0-0**
**Referee: Pawlu Bonnett.**
**Linesmen: George Busuttil u Anthony Galea.**

**Melita FC**: George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, John Bugeja, Frank Bonello, Alfred Dymond, Marcel Scicluna, John Bonnett, Edwin Mifsud.

**Ħamrun Sp. FC:** Johnnie Chetcuti, Lolly Muscat, Joe Stanmore, John 'Il-Lolu' Zarb, Martin Attard, Frans 'In-Nagħga' Xuereb, Pawlu Buttigieg, Gejtu Briffa (Edward Spiteri 60'), Jimmy Mizzi, Charles 'It-Topsy' Aquilina, John 'Il-Bipu' Mifsud.

1. Ħamrun kellhom lura lil Joe Stanmore li falla l-aħħar partita minħabba li kien lewa siequ iżda kienu qed jilgħabu mingħajr il-goalkeeper Lino Mizzi u Albert Calleja minħabba li bejn id-9 u d-19 ta' Marzu kienu qed jieħdu sehem f'tournament tal-football fil-Libja matteam magħżul tal-Malta Amateur Football Association (MAFA).

2. L-Ispartans tilfu għal kollox lill-player George Jones li ħabbar li waqaf millfootball filwaqt li l-goalkeeper Johnnie Chetcuti nfurmahom li f'April kien ser jemigra lejn l-Awstralja.

3. Meta kien intervistat mill-ġurnal 'Sport' wara l-partita, il-coach tal-Ispartans, Salvu Cuschieri qal: 'Kont ilni ġimgħa sħiħa nipprepara għal din il-logħba, iżda kultant donnu li la hemm coaches u lanqas kumitat, għaliex uħud mill-players saru jagħmlu li jridu.

**15-03-1964:**
**Valletta FC – St. George's FC 2-0**
**H.T. 0-0**
**Skurjaw: V. Vassallo (V) 74' u 89'**
**Referee: Ritchie Casha**
**Linesmen: Tommy Restall u Edward Agius**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Tony Calleja, Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Joe Brincat, Andrew Ellul, Frans Buttigieg, Leli Micallef, Edward Darmanin, Charles Pavia, Leli Sultana, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Harry Scicluna, Alfred Wilson.

1. Frans Buttigieg irritorna ma' St. George's wara li kien nieqes fl-aħħar ħarġa minħabba xi differenzi li kellu malkumitat meta fil-partita ta' qabel kien ġie sostitwit u ma riedx joħroġ mill-ground.

2. St. George's ħasdu lil Valletta meta minflok ingħalqu jiddefendu kienu huma li marru qrib li jifthu l-iskor meta wara biss minuta logħob Johnnie Attard salva goal ċert minn fuq il-linja filwaqt li wara nofs siegħa Eddie Mizzi kellu goal imħassar wara li kkontrolla l-ballun b'idejh.

3. F'nofs it-tieni taqsima bl-iskor għadu ma nfetaħx xi partitarji Beltin bdew jeħduha kontra l-players tagħhom fejn il-player Tony Calleja deher li ħa għalih u ried jitlaq 'il barra iżda sħabu kkalmawh u kkonvinċewh jibqa' filground.

4. Josie Urpani laqat il-lasta f'żewġ okkażjonijiet differenti meta fit-58 minuta laqat il-wieqfa u fil-65 minuta laqat

il-mimduda. Fiż-żewġ okkażjonijiet il-goalkeeper Nappa kien megħlub.

**21-03-1964:**
**Hibernians FC – Rabat FC 3-2**
**H.T 1-1**
**Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: G. Tonna (R) 4', T. Griffiths (H) pen. 37', P. Said (R) 65', E. Theobald (H) 77' u F. Delia (H) 83'.**

**Hibernians FC:** Tony Borg, Salvu 'Karettuni' Gatt, Michael Zammit, Victor Grima, Sunny Anastasi, Tony 'Il Koku' Attard, Tony Griffiths, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Freddie Delia, Norman Buckle.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Charlie Ciantar, Frans Peplow (John Sapiano 46'), Charles Nappa, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta'Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit, Pawlu 'Il-Fulier' Said.

1. Il-konfront kien kwazi ripetizzjoni tal-partita bejn l-istess żewġ timijiet fl-ewwel round. Dak in-nhar ukoll Hibernians kienu rebħu wara li kienu qed jitilfu 2-1. Dak in-nhar ukoll il-goals tagħhom kienu waslu minn Tony Griffiths, Eddie Theobald u Freddie Delia u fl-ewwel round ukoll il-goal ta' Griffiths kien wasal minn penalty.

2. Il-penalty favur Hibernians wasal meta Victor Cassar qabbeż il-ballun minn fuq ras Nappa fil-penalty area bid-difensur Rabti jgħolli jdejh u jżomm il-ballun.

3. Rabat darbtejn laqtu l-lasti fl-ewwel taqsima meta Nenu Chircop laqat il-wieqfa wara 11-il minuta u Leslie Agius laqat il-mimdua eżatt qabel il-mistrieħ.

4. Il-player ta' Rabat George Tonna kien għadu kemm irritorna Malta minn Tripli fejn kien il-captain tat-team magħżul tal-MAFA fit-tournament tal-Amateurs fi Tripli. Tonna ma tilef l-ebda partita tal-kampjoant minħabba li Rabat ma kellhomx logħob f'dak il-perjodu.

5. L-istess George Tonna tilef sinna f'daħla ma' Tony Attard ta' Hibernians. L-inċident ikkaġuna wkoll il-goal taddraw Pawlista meta Tonna viżibbilment għadu stordut irċieva l-ballun mingħand il-goalkeeper Zerafa, iżda meta mar iqassam lura lill-goalkeeper il-pass kien qasir biex daħal jiġri Eddie Theobald li tefa' f'xibka vojta meta Zerafa kien għadu barra minn postu.

**22-03-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Floriana FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: J. Cini (S) 40' u E. Aquilina (S) 72'.**

**Sliema Wdrs FC:** Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Robbie Buttigieg, Joe Cini, Edward Aquilina, George Micallef (Joe 'Jockey' Xuereb 62').

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Charlie 'Il-Qoċċu' Galea, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Louis Marmara.

1. Sliema Wanderers kienu ilhom ma jilagħbu erba' ġimgħat.

2. 'Jockey' Xuereb tħalla barra mit-team tal-Wanderers bħala dixxiplina wara li kien ha sehem f'tournament fil-Libja ma team magħżul tal-MAFA. Xuereb daħal biss bħala sostitut f'nofs it-tieni taqsima. Sliema ma kienux taw permess lil seba' players tagħhom sabiex imorru jilagħbu f'dan it-tournament.

3. Kien hemm dubju jekk Tony Cauchi jilgħabx f'din il-partita minħabba li kien imweġġa' tant li kien tilef il-logħba ta' Malta kontra Italja Serie C (0-2), tat-8 ta' Marzu.

4. Wara tliet minuti kien hemm protesti ħorox mis-Slimiżi meta xutt ta' Edward Aquilina ġie miżmum minn id Joe Grima. Ir-referee Cassar Naudi warrab il-potesti minħabba li ma kienx hemm l-intenzjoni.

5. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' it-tieni goal tal-Wanderers skorjah Ronnie Cocks dirett minn corner meta l-goalkeeper Furjaniż ikklerja l-ballun minn ġewwa qabel Edward Aquilina għamel ċert mill-goal meta skorja mir-rebound.

6. Wara dan it-tieni goal kellha tintervjeni l-Pulizija fis-side tal-Furjana minħabba li bdew jitwaddbu xi fliexken fil-ground. In-nies kienu rrabjati għaddaħliet goffi li kien qed jagħmel Joe Aquilina fuq Lolly Borg.

**Klassifika**: Sliema Wdrs FC 20 pt.; Valletta FC 18-il pt.; Hibernians FC 15-il pt.; Floriana FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC 8 pti.; Rabat FC u Melita FC 6 pti.; St. George's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC) 8 goals; T. Cauchi (Floriana FC); V. Cassar (Hibernians FC) u F. Borg (Valletta FC) 7 goals.

## AĦBARIJIET

Fit-tour li l-MAFA għamlu fil-Libja, lagħbu erba' partiti fejn kisbu tliet telfiet u draw. Il-MAFA fetħu t-tournament b'telfa ta' 2-0 kontra Lebanon, fl-10 ta' Marzu, sofrew telfa oħra ta' 3-0 kontra s-Sudan fit-tieni partita, ġew draw ta' 1-1 kontra l-Libja b'Victor Cassar 'Il-Palun' ipoġġi lill-MAFA fil-vantaġġ qabel Baski kiseb id-draw eżatt mal-ħin filwaqt li fl-aħħar partita huma sofrew telfa oħra ta' 3-0 kontra l-Marokk.

Fil-11 ta' Marzu, 1964, tħabbret il-mewt tal-Kanonku Dun Manwel Borg li fis-snin tletin kien viċi-president tal-MFA. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA ta' ġurnata wara nżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tiegħu.

F'partita ta' ħbiberija li ntlagħbet f'Għawdex, fid-19 ta' Marzu, 1964, festa pubblika, Valletta għelbu lil SK Wanderers 4-2 b'goals ta' Tony Calleja, Alfred Borg, Pawlu Gauci u Vince Vassallo filwaqt li għall-Għawdxin skorja darbtejn Tony Cauchi ta' Floriana li kien guest player. Players oħra ta' Floriana li lagħbu ma' SK Wanderers kienu Pullu Demanuele u Charlie Galea.

Fil-21 ta' Marzu, 1964, f' partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni Reserves, Little Rainbows waslu tliet minuti tard għall-partita meta ma rnexxielhomx jgħaqqdu team, iżda minkejja li lagħbu b'disa players, b'sorpriża huma xorta għelbu lil Gżira United 1-0 b' goal wara disa' minuti ta' Gabarretta li s-soltu kien jilgħab bħala goalkeeper. Gabarretta jiġi t-tifel tal-ex goalkeeper Wenzu Gabarretta. Bis-saħħa ta' din it-telfa ta' Gżira, Birkirkara irnexxielhom jirbħu l-unuri tat-Tieni Diviżjoni Reserves.

Fid-29 ta' Marzu, 1964, f'partita ta' ħbiberija f'Għawdex, Floriana għelbu lil Xagħra Young Stars 1-0 b'goal ta' Lolly Borg fl-44 minuta fejn għal Xagħra lagħbu Leli Attard 'L-Għawdxi' Victor Cassar 'Il-Palun' u Eddie Theobald, it-tlieta ta' Hibernians bħala guest players.

Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-31 ta' Marzu, 1964, inqrat korrispondenza li l-MFA bagħtet lill-FIFA biex tirrapporta l-mod kif il-Libja stiednet lill-MAFA għat-Tournee tal-Amateurs li sar fi Tripli. Barra minn dan, quddiem il-Kunsill tal-MFA kellha titressaq mozzjoni biex il-MAFA titneħħa minn membru affiljata mal-MFA u sabiex players li jilagħbu ma' clubs tal-MFA ma jkollhomx permess li jilagħbu ma' clubs ta' Associations oħra.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 130

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 130 huwa:
**K. Zammit - Swieqi**





# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 130

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | E | I | T | H | A | Z | Z | O | P | A | R | D | I |
| O | | A | | R | | A | | S | | I | | O | |
| H | E | C | K | I | N | G | B | O | T | T | O | M | |
| L | | H | | S | | R | | R | | O | | E | N |
| S | A | I | N | T | D | E | N | I | S | | | N | |
| C | | N | | O | | B | | O | R | A | N | G | E |
| H | E | I | N | | B | | C | | I | | | H | |
| R | | | A | | R | | H | O | S | S | E | I | N |
| E | S | P | I | R | I | T | O | | U | | | N | |
| I | | A | R | | N | | I | B | R | A | H | I | M |
| B | E | N | N | A | C | E | R | | A | | A | | E |
| E | | A | | | A | | U | L | T | E | V | I | S |
| R | O | M | A | | T | E | L | E | | | R | | S |
| | | A | L | L | | X | | G | E | R | E | M | I |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 130:
**A. Abela - Marsa**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8306 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

**MIMDUDIN**

1) Is-Segretarju Parlamentari għall-Isports (7,5)
9) David, left-back tal Ghana (4)
10) Jesus Maria, 32 partita u 8 goals għal Spanja (11)
11) Spinelli, kellu għajnejh fuq Senglea Athletics fis-sajf li għadda (4)
13) Samir, aktar minn 200 partita jgħasses il-lasti ta' Inter FC (10)
16) Arne, attakkant Svediż fil-FIFA WC 1938 (6)
17) Ramon, footballer internazzjonali Spanjol tas-snin 20 (10)
20) Ricardo, difensur internazzjonali tal-Haiti (3)
21) Ismail, ex attakkant internazzjonali tal-Maldives (4)
22) Eberhardt, goalkeeper tal-Ġermanja b'partita waħda fl-1909 (6)
24) Aquatic Sports Association (1,1,1)
26) Emmanuel, 47 goal għal Haiti, wieħed kontra l-Italja fl-1974 (5)
27) Anita, atleta Olimpika Pollakka 'tad-deheb' fil-Hammer (10)
28) Don, ex right-back ta' WBA u Arsenal (4)
29) Stade .......-Delelis, stadium ospitanti fil-FIFA WC 1998 (8)
32) Avveniment sportiv multiplu fli sport tat-Track Cycling (6)

**WEQFIN**

1) Anton, champion Ewropew tal-Pool fl-2017 (9)
2) Garbis, attakkant tat-Turkija f'4 partiti fl-1952-1953 (14)
3) Sharbel, ex winger Svediż imwieled fil-Libanu (5)
4) Igor, midfielder tal-Unjoni Sovjetika 1952-1965 (5)
5) Club tal-Football Taljan imwaqqaf fl-1914 (7)
6) Debono, footballer femminili internazzjonali Maltija Under-17 (4)
7) u 31) Lallana, winger ta' Liverpool FC u l-Ingilterra (4)
8) Il-belt Sud Koreana li ospitat l-Olimpjadi tax-Xilwa 2018 (11)
12) Player Olimpiku tal-Badminton mill-Malasja (3,5,3)
14) Abouaisha, attakkant Libjan ta' San Gwann FC (5)
15) Wawrzyniec, 4 partiti internazzjonali għal Polonja 1923-1925 (3)
18) u 30) Ljajic, midfielder offensiv Serb ta' Torino FC (4)
19) Enzo, coach rebbieħ fil-Mundial ta' Espana 1982 (7)
23) Stephane, attakkant mill-Kamerun ta' Atletico Madrid (5)
25) Lee, ex midfielder ta' Chesterfield (6)
27) Irreffja l-finali tal-UCL u Fifa WC fl-istess sena (4)
30) Ara 18 Weqfin
31) Ara 7 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

BOV CONSUMER FINANCE

home renovation loans @ 4.99%*

Free life cover on all personal loans



* Offer valid until 30th June 2018 and may close earlier at the Bank's discretion. All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Benefit of free life cover applies to a maximum of €25,000 per loan, until age 69 or until loan account is closed whichever is the earlier. Representative example of a BOV Personal Loan based on a loan amount of €12,000 being made available by Bank of Valletta p.l.c. at a variable interest rate of 4.99% p.a. (interest margin of 2.54% plus Bank Base Rate of 2.45%): APR will be 5.309% p.a. and loan will be repayable in 84 equal monthly instalments of €169.94 over a term of 7 years. The total sum payable throughout the term of the loan, assuming the variable interest rate remains unchanged, will be €14,324.96 being capital of €12,000, interest of €2,274.96 and a one-time processing fee of €50. Terms and conditions apply.

** The Consumer Lending Bank Base Rate means the basis, established by the Bank from time to time, on which the rate of interest payable generally on all Bank consumer lending is determined. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

If you are looking to renovate your home, a BOV Personal Loan is the perfect solution. Talk to us today.

BOV
Bank of Valletta

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130